IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 2 – PART 3/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra

ANNESS 2-B

Dikjarazzjoni tal-Partijiet dwar l-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja

TAQSIMA A

Dikjarazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċanga u l-vitella, u kwoti tariffarji tal-majjal skont dan il-Ftehim

1. Il-prinċipju ġenerali huwa li l-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għandha tkun favorevoli kemm jista' jkun għall-kummerċ. B'mod aktar speċifiku, din ma tridx ittellef jew tannulla l-impenji ta' aċċess għas-suq negozjati bejn il-Partijiet; hija trid tkun trasparenti, prevedibbli, tnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-operaturi tas-suq, timmassimizza r-rati ta' mili u timmira li tevita l-ispekulazzjoni potenzjali.

L-istruttura tas-sistema ta' għoti ta' liċenzji għall-importazzjoni

Sub-perjodi trimestrali b'riport bejn il-perjodi għal kwantitajiet mhux użati tal-kwota tariffarja

2. F'kull wieħed minn dawn l-erba' trimestri tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, 25 fil-mija tal-kwantità tal-kwota tariffarja annwali se tkun disponibbli għal applikazzjonijiet għal liċenzji.

3. Kwalunkwe kwantitajiet li jibqgħu disponibbli fl-aħħar ta' trimestru ser jiġu riportati awtomatikament fit-trimestru sussegwenti sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

Perjodu tal-applikazzjoni għal liċenzji tal-importazzjoni

4. Applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni se tiġi aċċettata sa 45 jum kalendarju qabel il-bidu ta' kull trimestru u liċenzja ta' importazzjoni tinħareġ mhux inqas minn 30 jum kalendarju qabel il-bidu tat-trimestru.

5. Jekk id-domanda għal-liċenzji matul il-perjodu tal-applikazzjoni taqbeż il-kwantitajiet disponibbli għal dak it-trimestru, il-liċenzji jiġu allokati fuq bażi pro-rata.

6. Jekk il-kwantità disponibbli għal kull trimestru ma tiġix kompletament allokata matul il-perjodu tal-applikazzjoni, il-kwantità li jifdal se tkun disponibbli għall-applikanti eliġibbli biex japplikaw fuq talba għall-bqija ta' dak it-trimestru. Il-liċenzji tal-importazzjoni se jinħarġu awtomatikament fuq talba sakemm il-kwantità disponibbli tkun ġiet sottoskritta kollha għal dak il-perjodu.

Il-validità ta' liċenzi

7. Liċenzja tal-importazzjoni hija valida:

   (a) mid-data tal-ħruġ jew id-data tal-bidu tat-trimestru li għalih il-liċenzja tal-importazzjoni tkun maħruġa, skont liema tkun l-aktar tard; u

   (b) għal ħames xhur mid-data applikabbli fis-subparagrafu (a) jew sa tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, skont liema tiġi l-ewwel.

8. Il-liċenzji tal-importazzjoni jistgħu jintużaw fi kwalunkwe punt ta' dikjarazzjoni doganali tal-Unjoni Ewropea u għal konsenji multipli.

Kriterji ta' eliġibbiltà

9. Il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-metodu tal-allokazzjoni għandhom jirriżultaw fl-assenjazzjoni tal-kwoti lil dawk il-persuni li huma l-aktar probabbli li jużawha u ma jridux joħolqu ostakli għall-importazzjoni.

10. Matul il-perjodu tal-applikazzjoni, l-applikanti eliġibbli jinkludu importaturi storiċi taċ-ċanga, bison jew vitella għal importazzjonijiet taċ-ċanga u l-vitella u importaturi storiċi taċ-ċanga, bison, vitella jew majjal għal importazzjonijiet tal-majjal.

11. Fi kwalunkwe trimestru wara l-perjodu tal-applikazzjoni meta l-liċenzji huma disponibbli fuq talba, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-applikanti ser jiġu estiżi biex jinkludu l-bejjiegħa bl-ingrossa u l-proċessuri tal-laħam akkreditati.

Titoli

Titoli marbuta ma' applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni

12. Garanzija ta' mhux aktar minn 95 euro (€) għal kull tunnellata ta' ċanga u 65 euro (€) għal kull tunnellata ta' laħam tal-majjal se jiġi ppreżentat mal-applikazzjoni għal liċenzja.

Trasferiment tal-liċenzja u l-garanzija korrispondenti

13. Il-liċenzi mhumiex trasferibbli.

Ritorn tal-liċenzja u l-garanzija korrispondenti

14. Kwantitajiet ta' liċenzji mhux użati jistgħu jiġu rritornati qabel l-iskadenza u sa erba' xhur qabel tmiem is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Kull detentur tal-liċenzja jista' jirritorna sa 30 fil-mija tal-kwantità tal-liċenzja individwali tiegħu. Meta din il-kwantità ma tkunx ġiet ritornata, 60 fil-mija tal-garanzija korrispondenti jiġi rilaxxat.

15. Il-kwantitajiet kollha li jiġu rritornati se jkunu disponibbli minnufih lil applikanti eliġibbli oħra biex japplikaw fuq talba għall-bqija tat-trimestru, u jiġu trasferiti għal trimestri sussegwenti jekk ma jiġux mitluba.

Ir-rilaxx tal-garanzija u r-rilaxx tal-garanzija kollha meta jseħħu 95 fil-mija tal-importazzjonijiet

16. Il-garanziji jiġu proporzjonalment rilaxxati kull darba li jseħħu importazzjonijiet attwali.

17. Ladarba 95 fil-mija tal-kwantità tal-liċenzja individwali tal-importatur tiġi fil-fatt importata l-garanzija sħiħa tiġi rilaxxata.

TAQSIMA B

Dikjarazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-Kanada għall-kwoti tariffarji tal-ġobon skont dan il-Ftehim

1. Il-prinċipju ġenerali huwa li l-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għandha tkun favorevoli kemm jista' jkun għall-kummerċ. B'mod aktar speċifiku, din ma tridx ittellef jew tannulla l-impenji ta' aċċess għas-suq negozjati bejn il-Partijiet; hija trid tkun trasparenti, prevedibbli, tnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-operaturi tas-suq, timmassimizza r-rati ta' mili u timmira li tevita l-ispekulazzjoni potenzjali.

2. Il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-metodu tal-allokazzjoni għandhom jirriżultaw fl-assenjazzjoni tal-kwoti lil dawk il-persuni li huma l-aktar probabbli li jużawha u ma jridux joħolqu ostakli għall-importazzjoni.

L-istruttura tas-sistema ta' għoti ta' liċenzji għall-importazzjoni

3. Il-kwantità tal-kwota tariffarja annwali ser tiġi allokata kull sena fost l-applikanti eliġibbli.

4. Il-metodu tal-allokazzjoni tal-kwota tariffarja se jippermetti min jidħol ġdid kull sena. Matul il-perjodu ta' dħul gradwali mis-Sena 1 sas-sena 5, mill-inqas 30 fil-mija tal-kwota tariffarja se jkun disponibbli għal min jidħol ġdid kull sena. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' dħul gradwali mis-sena 6 u fis-snin ta' wara, mill-anqas 10 fil-mija tal-kwota tar-rata tariffarja l-kwantità għandha tkun disponibbli għal dawk li jidħlu ġodda.

5. Il-kwantità tal-kwota tariffarja ser tiġi allokata fuq bażi ta' sena kalendarja. Applikazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati kollha se jiġu riċevuti u pproċessati skont id-dispożizzjonijiet tal-Fehim dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Amministrazzjoni tal-Kwota Tariffarja ta' Prodotti Agrikoli, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, Deċiżjoni Ministerjali WT/MIN(13)/39, is-7 ta' Diċembru 2013, b'perjodu ta' erba' sa sitt ġimgħat biex jippreżentaw l-applikazzjonijiet. L-importazzjonijiet ser ikunu jistgħu jibdew mill-ewwel jum tas-sena.

6. Fil-każ li l-kwota tariffarja ma tkunx kompletament allokata skont il-proċess tal-applikazzjoni fil-paragrafu 3, il-kwantitajiet disponibbli jiġu immedjatament offruti lil applikanti eliġibbli b'mod proporzjonali għall-allokazzjoni tagħhom, jew fuq talba jekk il-kwantitajiet jibqgħu disponibbli wara l-ewwel offerta.

Kriterji ta' eliġibbiltà

7. Biex ikun eliġibbli, l-applikant għandu jkun, bħala minimu, resident tal-Kanada u jkun attiva fis-settur tal-ġobon Kanadiż b'mod regolari matul is-sena.

8. Matul il-perjodu ta' dħul-gradwali mis-Sena 1 sas-Sena 5, min jidħol ġdid ikun applikant eliġibbli li mhuwiex detentur ta' allokazzjoni taħt il-kwota tariffarja tal-ġobon tal-Kanada skont id-WTO.

9. Wara t-tmiem tal-perjodu-ta' dħul gradwali, mis-Sena 6 u fis-snin sussegwenti, min jidħol ġdid ikun applikant eliġibbli li mhuwiex detentur ta' allokazzjoni taħt il-kwota tariffarja tal-ġobon tal-Kanada skont id-WTO jew li ma rċeviex allokazzjoni tal-kwoti tariffarji skont dan il-Ftehim fis-sena preċedenti.

10. Min jidħol ġdid jitqies bħala tali għal perjodu ta' tliet snin.

11. Ladarba applikant ma jibqax jitqies bħala kompetitur ġdid, l-applikant jiġi trattat bl-istess mod bħall-applikanti l-oħra kollha.

12. Il-Kanada tista' tikkunsidra li tillimita d-daqs tal-allokazzjonijiet għal persentaġġ speċifiku jekk ikun meqjus neċessarju li jitrawwem ambjent tal-importazzjoni kompetittiv, ġust u bilanċjat.

L-użu ta' allokazzjonijiet tal-importazzjoni u permessi tal-importazzjoni

13. Allokazzjoni ta' kwota tariffarja tkun valida għal perjodu ta' sena ta' kwota jew, jekk tkun inħarġet wara l-bidu tas-sena ta' kwota, għall-bqija tas-sena ta' kwota.

14. Biex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet huma skont il-kundizzjonijiet tas-suq domestiku u biex jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ, detentur tal-allokazzjoni normalment ikun liberu li juża l-allokazzjoni tiegħu li jimporta kwalunkwe prodott li jaqa' taħt il-kwota tariffarja fi kwalunkwe żmien matul is-sena.

15. Fuq il-bażi ta’ din l-allokazzjoni, l-importatur għandu jissottometti talba għal permess ta’ importazzjoni għal kull kunsinna ta’ prodott li jaqa’ taħt il-kwota tariffarja li l-importatur huwa intiż li jimporta ġewwa l-Kanada. Il-permessi tal-importazzjoni normalment jinħarġu awtomatikament fuq talba permezz tas-sistema elettronika tal-permessi tal-Gvern tal-Kanada. Skont il-politiki attwali, il-permessi tal-importazzjoni jistgħu jintalbu sa mhux aktar minn 30 jum qabel id-data prevista tad-dħul u huma validi għal perjodu ta’ ħamest ijiem qabel u 25 jum wara d-data tad-dħul.

16. Il-permessi mhumiex trasferibbli.

17. Permess tal-importazzjoni jista' jiġi emendat jew imħassar.

18. Trasferiment ta’ allokazzjonijiet jista’ jiġi awtorizzat.

19. Detentur ta' allokazzjoni li juża inqas minn 95 fil-mija tal-allokazzjoni tiegħu fi kwalunkwe sena jista’ jkun soġġett għal penali ta' nuqqas ta' użu fis-sena ta’ wara, li matulha huwa jirċievi allokazzjoni li tirrifletti l-livell attwali tal-użu tal-allokazzjoni preċedenti. Detentur ta' allokazzjoni affettwat minn penali ta' nuqqas ta' użu jiġi avżat qabel l-allokazzjoni finali bil-kwota tariffarja.

20. Id-detentur ta’ allokazzjoni jista’ jirritorna l-kwantità li ma ntużatx mill-allokazzjoni tiegħu sa data speċifikata. Il-kwantititajiet irritornati se jiġu kkunsidrati użati għall-għan tal-applikazzjoni tal-penali ta' nuqqas ta' użu. Ir-ritorni kroniċi jistgħu jiġu ppenalizzati.

21. Il-kwantitajiet ritornati normalment ikunu magħmula disponibbli għal detenturi ta' allokazzjonijiet interessati li ma rritornawx lura kwalunkwe kwantità li ma ntużatx mill-allokazzjoni tagħhom fil-jum ta’ wara l-iskadenza tar-ritorn. Jekk wara dan jibqgħu l-kwantitajiet, dawn jistgħu jiġu offruti lil partijiet terzi interessati oħra.

22. L-iskadenza tar-ritorn se tiġi stabbilita f'data li tkun kmieni biżżejjed biex jingħata ħin suffiċjenti għall-użu ta’ kwantitajiet ritornati, filwaqt li tkun tard biżżejjed biex tippermetti lid-detenturi tal-allokazzjoni jistabbilixxu l-ħtiġijiet tal-importazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena, possibbilment qrib in-nofs tas-sena tal-kwota.

ANNESS 4-A

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAR-REGOLAMENTI TAL-VETTURI BIL-MUTUR

Artikolu 1

Għanijiet u skop

1. Il-Partijiet jinnutaw il-kooperazzjoni bejn il-Kanada u l-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija.

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn komuni tagħhom biex titjieb is-sikurezza tal-vetturi u l-prestazzjoni ambjentali, u għall-isforzi ta' armonizzazzjoni mixtieqa skont il-qafas tan-"*1998 Global Agreement administered by the World Forum for the Harmonization of Vehicle Regulations (WP.29)* (the "*1998 Global Agreement*") (il-Ftehim Globali tal-1998 amministrat mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP. 29) (il- "Ftehim Globali tal-1998") tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa ("UNECE").

3. Il-Partijiet jinnutaw l-impenn tagħhom biex itejbu l-isforzi tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni regolatorja taħt dan il-Kapitlu u l-Kapitlu Wieħed u-Għoxrin (Kooperazzjoni Regolatorja).

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-livell mixtieq ta' saħħa, sikurezza, u ħarsien ambjentali u tal-konsumatur.

5. Il-Partijiet jixtiequ jsaħħu l-kooperazzjoni u jżidu l-użu effiċjenti tar-riżorsi fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur, b'mod li ma jikkompromettix il-kapaċità ta' kull Parti li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha.

6. L-għan ta’ dan l-Anness hu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż l-iskambju ta’ informazzjoni, dwar is-sikurezza u l-attivitajiet tal-prestazzjoni ambjentali ta’ vetturi bil-mutur relatati mal-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi ġodda jew standards relatati, biex jiġu promossi l-applikazzjoni u r-rikonoxximent tar-Regolamenti Tekniċi Globali skont il-qafas tal-Ftehim Globali tal-1998 u armonizzazzjoni possibbli għall-ġejjieni, bejn il-Partijiet, dwar titjib u żviluppi oħra fl-oqsma tar-regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur jew standards relatati.

Artikolu 2

Oqsma ta’ kooperazzjoni

Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw f’attivitajiet fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-iżvilupp u l-istabbiliment ta’ regolamenti tekniċi jew standards relatati;

(b) ir-reviżjoni ta' wara l-implimentazzjoni- ta’ regolamenti tekniċi jew standards relatati;

(c) l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta’ informazzjoni għall-użu tal-konsumatur relatat ma’ regolamenti tal-vetturi bil-mutur jew standards relatati;

(d) l-iskambju tar-riċerka, l-informazzjoni u r-riżultati marbuta mal-iżvilupp ta’ regolamenti dwar is-sikurezza tal-vetturi jew standards relatati ġodda, u tnaqqis tal-emissjonijiet avvanzat u teknoloġiji tal-vetturi elettriċi; u

(e) l-iskambju tal-informazzjoni disponibbli dwar l-identifikazzjoni- ta' difetti marbuta- mas-sikurezza jew mal-emissjoni u nuqqas- ta' konformità mar-regolamenti tekniċi.

Artikolu 3

Forom ta’ kooperazzjoni

Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex iżommu djalogu miftuħ u kontinwu fil-qasam tar-regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur jew standards relatati. Għal dan l-għan, il-Partijiet jistinkaw sabiex:

(a) jiltaqgħu tal-inqas darba fis-sena (inklużi laqgħat li jsiru fil-marġini ta' Sessjonijiet WP.29), b'vidjokonferenza- jew, jekk b'mod indirett, alternattivament fil-Kanada u fl-Unjoni Ewropea;

(b) jaqsmu l-informazzjoni dwar il-programmi u l-aġendi domestiċi u internazzjonali, inkluż l-ippjanar ta’ programmi ta’ riċerka marbuta mal-iżvilupp ta’ regolamenti tekniċi jew standards relatati ġodda;

(c) jikkontribwixxu b’mod konġunt biex jinkoraġġixxu u jippromwovu r-rekwiżiti tekniċi ta’ armonizzazzjoni internazzjonali akbar permezz ta’ fora multilaterali, bħall-Ftehim Globali tal-1998, inkluż permezz tal-kooperazzjoni fl-ippjanar ta’ inizjattivi b’appoġġ għal tali attivitajiet;

(d) jaqsmu u jiddiskutu pjanijiet ta’ riċerka u żvilupp fuq is-sikurezza tal-vetturi bil-mutur u regolamenti tekniċi ambjentali jew standards relatati;

(e) jagħmlu analiżi konġunti, jiżviluppaw metodoloġiji u approċċi, bħala ta’ benefiċċju reċiproku, prattiċi u konvenjenti, biex jassistu u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta’ regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur jew standards relatati; u

(f) jiżviluppaw dispożizzjonijiet oħrajn għall-kooperazzjoni.

Artikolu 4

L-inkorporazzjoni tal-Kanada ta' Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Kanada inkorporat, bl-adattamenti li hija qieset neċessarji, regolamenti tekniċi li jinsabu f'Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti fil-*Motor Vehicle Safety Regulations* (Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Vetturi bil-Mutur) tagħha, C.R.C., c. 1038, kif elenkat fl-Anness 4-A-1.

2. Il-Kanada żżomm id-dritt tagħha li timmodifika l-liġi tagħha, inkluż billi temenda jew tirrevedi liem Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti huma inkorporati fil-liġi tagħha, jew il-mod li bih jew sa liema punt dawn ir-Regolamenti huma inkorporati fil-liġi tagħha. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn il-bidliet, il-Kanada tinforma lill-Unjoni Ewropea u, fuq talba, tkun lesta li tipprovdi informazzjoni dwar ir-raġunijiet għal dawn il-bidliet. Il-Kanada tkompli tirrikonoxxi r-Regolamenti rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, sakemm dan ma jkunx jipprovdi għal livell aktar baxx ta' sikurezza mill-emendi introdotti, jew ikun jikkompromettі l-integrazzjoni tal-Amerika ta' Fuq.

3. Il-Partijiet jidħlu f'konsultazzjonijiet tekniċi bil-ħsieb li jiddeterminaw, sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk ir-regolamenti tekniċi li jinsabu fir-Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti, elenkati fl-Anness 4-A-2 għandhomx ukoll ikunu inkorporati fir-*Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Vetturi bil-Mutur* tal-Kanada, bi kwalunkwe adattamenti li l-Kanada tikkunsidra meħtieġa. Dawn ir-regolamenti tekniċi għandhom jiġu inkorporati, sakemm dan ma jkunx jipprovdi għal livell aktar baxx ta' sikurezza mir-regolamenti Kanadiżi, jew ikun jikkompromettі l-integrazzjoni tal-Amerika ta' Fuq.

4. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom ukoll f'konsultazzjonijiet tekniċi ulterjuri biex jiddeterminaw jekk regolamenti tekniċi oħrajn għandhomx jiġu inklużi fl-Anness 4-A-2.

5. Il-Kanada tistabbilixxi u żżomm lista ta' regolamenti tekniċi li jinsabu f'Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti li huma inkorporati fir-*Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Vetturi bil-Mutur* tal-Kanada. Il-Kanada tagħmel din il-lista disponibbli għall-pubbliku.

6. Fi sforz biex jippromwovu l-konverġenza regolatorja, il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni, sa fejn prattikabbli, fuq ir-regolamenti tekniċi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-sikurezza tal-vetturi bil-mutur.

Artikolu 5

Konsiderazzjoni pożittiva tar-regolamenti tekniċi tal-Parti l-oħra

Meta Parti tiżviluppa regolament tekniku ġdid għal vetturi bil-mutur u l-partijiet tagħhom, jew meta timmodifika wieħed eżistenti, hija għandha tikkunsidra r-regolamenti tekniċi tal-Parti l-oħra, inklużi dawk stabbiliti fil-qafas tal-*World Forum for the Harmonization of Vehicle Regulations (WP.29)* tal-UNECE. Parti tipprovdi, fuq talba tal-Parti l-oħra, spjegazzjoni dwar sa fejn hija kkunsidrat ir-regolamenti tekniċi ta' dik il-Parti l-oħra meta żviluppat ir-regolamenti tekniċi ġodda tagħha.

Artikolu 6

Kooperazzjoni mal-Istati Uniti tal-Amerika

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interess reċiproku tagħhom li jikkooperaw mal-Istati Uniti tal-Amerika fil-qasam tar-regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur. Jekk l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jikkonkludu ftehim jew arranġament dwar l-armonizzazzjoni tar-regolamenti tekniċi rispettivi tagħhom relatati ma' vetturi bil-mutur, il-Partijiet jikkooperaw bil-għan li jiddeċiedu jekk għandhomx jikkonkludu ftehim jew arranġament simili.

ANNESS 4-A-1

Lista msemmija fl-Artikolu 4.1 tal-Anness 4-A

Ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Titolu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Ir-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu	Titolu tar-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu
Nru 98	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'sorsi ta' dawl li jarmu l-gass	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 112	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mgħammra b'lampi bil-filament u / jew moduli LED	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 113	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx simmetriku jew raġġ ta' dawl tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mgħammra b'filament, sorsi ta' dawl li jarmu l-gass jew moduli LED	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices

Ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Titolu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Ir-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu	Titolu tar-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu
Nru 51	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur li għandhom mill-inqas erba' roti rigward l-emissjonijiet ta' ħsejjes tagħhom	CMVSS 1106*	Noise Emissions
Nru 41	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi rigward l-emissjonijiet ta' ħsejjes	CMVSS 1106*	Noise Emissions
Nru 11	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward lukketti tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien	CMVSS 206*	Door Locks and Door Retention Components
Nru 116 (immobilizzatur biss)	Dispożizzjonijiet uniformi dwar il-protezzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra l-użu mhux awtorizzat (Immobilizzatur biss)	CMVSS 114*	Theft Protection and Rollaway Prevention
Nru 42	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tat-tagħmir protettiv ta' quddiem u wara tagħhom (bumpers eċċ.)	CMVSS 215*	Bumpers
Nru 78	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji L1, L2, L3, L4 u L5 fir-rigward tal-ibbrejkjar	CMVSS 122*	Motorcycle Brake Systems

Ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Titolu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Ir-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu	Titolu tar-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu
Nru 8	Dispożizzjoniet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku jew raġġ ta' dawl tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mgħammra b'lampi aloġeni bil-filament (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11)	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 20	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku jew raġġ ta' dawl tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mgħammra b'lampi aloġeni bil-filament (lampi H)	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 31	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ssiġillati tal-aloġenu ta' vetturi bil-magna (HSB) li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku Ewropew jew raġġ ta' dawl tas-sewqan jew it-tnejn li huma	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 57	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi għal muturi u vetturi meqjusa bħala tali	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices

Ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Titolu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Ir-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu	Titolu tar-Regolament Kanadiż li fih ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti huwa inkorporat, kollu kemm hu jew parti minnu
Nru 72	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi ta' muturi li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku u raġġ ta' dawl tas-sewqan u mgħammra b'lampi aloġeni (lampi HS1)	CMVSS 108*	Lighting System and Retroreflective Devices
Nru 13H (kontroll elettroniku tal-istabbiltà biss)	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri rigward l-ibbrejkjar (kontroll elettroniku tal-istabbiltà biss)	CMVSS 126	Electronic Stability Control Systems
Nru 60	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi u mopeds b'żewġ roti rigward kontrolli operati mis-sewwieq inklużi l-identifikazzjoni ta' kontrolli, indikaturi operatorji u indikaturi	CMVSS 123	Motorcycle Controls and Displays
Nru 81	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' mirja retroviżuri ta' vetturi bil-magna b'żewġ roti b'sidecar jew le, rigward il-montatura ta' mirja retroviżuri fuq il-manubriji	CMVSS 111	Mirrors

* Kif ir-regolament kien jinqara fit-13 ta’ Frar 2013.

ANNESS 4-A-2

Lista msemmija fl-Artikolu 4.3 tal-Anness 4-A

Ir-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti	Titolu tar-Regolament tan-Nazzjonijiet Uniti
Nru 12	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward il-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering fil-każ ta' impatt
Nru 17	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward is-sitijiet, l-ankraġġi tagħhom u kull riffieda tar-ras
Nru 43	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-istallazzjoni tagħhom fuq il-vetturi
Nru 48	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward l-istallazzjoni ta' dawl u apparat għas-sinjalar tad-dawl
Nru 87	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi li jkunu mixgħulin il-ħin kollu għal vetturi bil-magna
Nru 53	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L3 rigward l-istallazzjoni ta' dawl u apparat għas-sinjalar tad-dawl
Nru 116	Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar il-protezzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra l-użu mhux awtorizzat
Nru 123	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għal vetturi bil-mutur

ANNESS 5-A

AWTORITAJIET KOMPETENTI

Awtoritajiet kompetenti tal-Komunità

1. Il-kontroll huwa maqsum bejn is-Servizzi nazzjonali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward japplika dan li ġej:

   (a) fir-rigward tal-esportazzjoni lejn il-Kanada, l-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet tal-produzzjoni, inklużi spezzjonijiet jew awditjar statutorji u l-ħruġ ta' ċertifikati tas-saħħa li jaffermaw il-miżuri u l-ħtiġijiet SPS miftehma.

   (b) għall-importazzjonijiet mill-Kanada, l-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll tal-konformità tal-importazzjonijiet mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Unjoni Ewropea; u

   (c) il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali, għall-ispezzjoni jew l-awditjar tas-sistemi ta' kontroll u l-miżuri neċessarji, inkluża azzjoni leġiżlattiva sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-istandards u r-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim.

Awtoritajiet kompetenti tal-Kanada

2. Dawn li ġejjin huma responsabbli għall-applikazzjoni ta' miżuri SPS fir-rigward ta' annimali prodotti b'mod domestiku, dawk esportati u importati u prodotti mill-annimali, pjanti u prodotti tal-pjanti, u għall-ħruġ ta' ċertifikati tas-saħħa li jaffermaw il-miżuri SPS miftiehma sakemm mhux innutat mod ieħor:

   (a) the Canadian Food Inspection Agency (the "CFIA");

   (b) the Department of Health, kif xieraq; jew

   (c) entità suċċessur innotifikata lill-Parti l-oħra.

ANNEX 5-B

KUNDIZZJONIJIET REĠJONALI

Mard li għalih jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni:

Mard

1. Marda- tal-ilsien -u d-dwiefer
2. Stomatite vexxikulari
3. Marda vexxikulari tal-ħnieżer
4. Pesta tal-ifrat
5. Pesta tal-annimali ruminanti żgħar
6. Plewropulmonite bovina li tittieħed
7. Marda tal-infafet fil-ġilda
8. Deni tal-Wied tar-Rift
9. Marda tal-ilsien blu
10. Ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż

11. Marda Afrikana taż-żwiemel

12. Deni Afrikan tal-ħnieżer

13. Deni klassiku tal-ħnieżer

14. Influwenza avjarja notifikabbli

15. Marda ta' Newcastle

16. Enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela

17. Marda epiżotika emorraġika

Mard akkwatiku

Il-Partijiet jistgħu jiddiskutu l-lista ta' mard akkwatiku fuq il-bażi tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-OIE.

ANNESS 5-C

PROĊESS TAR-RIKONOXXIMENT TAL-KUNDIZZJONIJIET REĠJONALI

Mard tal-annimali

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

Organiżmi ta' ħsara għall-pjanti

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

ANNESS 5-D

LINJI GWIDA BIEX TIĠI DETERMINATA, RIKONOXXUTA U MIŻMUMA L-EKWIVALENZA

Determinazzjoni u Rikonoxximent tal-Ekwivalenza

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

Żamma tal-ekwivalenza

1. Jekk xi Parti jkollha l-intenzjoni li tadotta, timmodifika, jew tħassar miżura SPS f'qasam li għalih tkun għamlet rikonoxximent tal-ekwivalenza, kif stipulat fl-Artikolu 5.6.3(a) jew rikonoxximent deskritt fl-Artikolu 5.6.3(b), dik il-Parti għandha:

   (a) tevalwa jekk l-adozzjoni, il-modifika jew it-tħassir ta' dik il-miżura SPS jistgħux jaffettwaw ir-rikonoxximent; u

   (b) tinnotifika lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tadotta, timmodifika, jew tħassar dik il-miżura SPS, u bl-evalwazzjoni taħt il-paragrafu (a). In-notifika għandha ssir fi stadju bikri xieraq, meta jkunu għad jistgħu jiddaħħlu l-emendi u jitqiesu l-kummenti.

2. Jekk Parti tadotta, timmodifika jew tħassar miżura SPS f'qasam li fih hija għamlet rikonoxximent, il-Parti li timporta għandha tkompli taċċetta r-rikonoxximent tal-ekwivalenza, kif stipulat fl-Artikolu 5.6.3(a) jew ir-rikonoxximent deskritt fl-Artikolu 5.6.3(b), skont il-każ, f'dak il-qasam sakemm tkun ikkomunikat lill-Parti li tesporta jekk għandhomx jiġu sodisfatti kundizzjonijiet speċjali, u jekk iva, tipprovdi l-kundizzjonijiet speċjali lill-Parti li tesporta. Il-Parti li timporta għandha tikkonsulta mal-Parti li tesporta biex tiżviluppa dawn il-kundizzjonijiet speċjali.

ANNESS 5-E

RIKONOXXIMENT TA' MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

Noti Ġenerali

1. Jekk il-Parti timmodifika miżura SPS elenkata f'dan l-Anness, il-miżura SPS modifikata tapplika għall-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, filwaqt li jitqies il-paragrafu 2 tal-Anness 5-D. Għal miżuri SPS aġġornati, irreferi għall-pubblikazzjonijiet leġiżlattivi ta' kull Parti.

2. Jekk Parti importatriċi tiddetermina li kundizzjoni speċjali elenkata f'dan l-Anness ma għadhiex meħtieġa, il-Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra skont l-Artikolu 26.5 li mhux se tkompli tapplika dik il-kundizzjoni speċjali għall-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra.

3. Għal aktar ċertezza, miżura SPS ta' Parti li timporta li ma tkunx imsemmija mod ieħor f'dan l-Anness jew miżura ta' Parti li timporta li mhijiex miżura SPS tapplika, kif xieraq, għall-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra.

TAQSIMA A

Miżuri Sanitarji:

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Sperma						
Frat						
Is-saħħa tal-annimali	Id-Direttiva 88/407	- *Health of Animals Act*, S.C. 1990, c. 21 - *Health of Animals Regulations*, C.R.C., c. 296	Ċentru tal-kollezzjoni tal-isperma klinikament ħieles mill-paratuberkulosi	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations* - CFIA Artificial Insemination Program	Id-Direttiva 88/407	1. Lewkożi enzootika bovina: (seru) Assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiku ("ELISA") Barra minn hekk, meta possibbli, l-omm uterina tal-barri donatur prospettiv għandha tkun soġġetta għal test ELISA għal-lewkożi enzootika bovina, wara l-ftim tad-donatur prospettiv, b'riżultati negattivi. Dan it-test tal-omm uterina huwa meħtieġ biex l-isperma tiġi esportata lejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea meta l-isperma tkun miġbura minn barri donatur qabel ma jkun laħaq l-età ta' 24 xahar, u riżultat negattiv għal test ELISA huwa meħtieġ wara li jkun laħaq dik l-età. Dan it-test mhuwiex meħtieġ meta l-barri donatur prospettiv joriġina minn Merħla Akkreditata mis-Saħħa Kanadiża għal-lewkożi enzootika bovina; u,

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
						2. Rinotrakeite bovina infettiva (seru) ELISA L-ittestjar semiannwali għar-rinotrakeite bovina infettiva tal-annimali residenti kollha jrid isir f'faċilitajiet negattivi għar-rinotrakeite bovina infettiva li huma approvati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea. Faċilitajiet negattivi għar-rinotrakeite bovina infettiva biss huma permessi jesportaw l-isperma lejn l-Unjoni Ewropea.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Embrijuni						
Bovini konċeputi in vivo						
Is-saħħa tal-annimali	Id-Direttiva 89/556	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part XIII		- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations* - CFIA Embryo Export Approval Program	Id-Direttiva 89/556 Deċiżjonijiet 2006/168 2007/240	1. Id-donaturi nisa qattgħu s-sitt xhur immedjatament qabel il-ġbir fil-Kanada f'mhux aktar minn żewġ merħliet: (a) li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mit-tuberkuloži; (b) li, skont ir-riżultati uffiċjali, kienu ħielsa mill-bruċelloži; (c) li kienu ħielsa mil-lewkoži bovina enzootika jew li fihom l-ebda annimal ma wera sinjali kliniċi ta' lewkoži bovina enzootika matul it-tliet snin ta' qabel; u (d) li fihom l-ebda annimal bovin ma wera sinjali kliniċi ta' rinotrakejite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva matul it-12-il xahar ta' qabel; 2. Ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-marda emorraġika epiżootika f'10 kilometri bogħod minn fejn kienet tinsab id-donatur mara matul it-30 jum qabel il-ġbir; u, 3. L-isperma hija miġbura u maħżuna f'ċentri ta' ġbir jew maħżuna f'ċentri ta' ħżin approvati mis-CFIA, jew l-isperma tinġabar u tiġi maħżuna f'ċentri ta' ġbir jew maħżuna f'ċentri ta' ħżin approvati mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li jkun approvat biex jesporta l-isperma lejn l-Unjoni Ewropea, jew l-isperma tkun esportata mill-Unjoni Ewropea.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Laħam friski						
Ruminanti, ekwidi, porċini, pollam, annimali tal-kaċċja mrobbija minn ċriev, fniek u ratite						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005 2015/1375	- *Meat Inspection Act*, R.S.C. 1985, c. 25 (1st Supp.) - *Meat Inspection Regulations, 1990*, S.O.R./90-288 - *Food and Drugs Act*, R.S.C., 1985, c. F-27 - *Food and Drug Regulations*, C.R.C., c. 870	1. Konformità mar-regoli Kanadiżi dwar l-enċefalopatija sponġiforma trasmissibbli; 2. Evixxerazzjoni ttardjata fit-tul mhux permessa; 3. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta; 4. Laħam tal-porċini maħsub għall-ipproċessar fi prodott lest biex jittiekel huwa ttestjat jew iffriżat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1375; 5. Id-demm jinġabar bl-użu ta' metodu ta' ġbir tad-demm magħluq; u, 6. Laħam li ġej minn annimali maqtulin skont proċeduri ta' tbiċċir ta' emerġenza mhux eliġibbli għall-kummerċ.	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005 2015/1375	Ara l-Appendiċi A

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Prodotti tal-laħam						
Ruminanti, ekwidi, majjali, pollam u tjur tal-kaċċa mrobbija						
Saħħa Pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 4 meta l-prodott finali huwa trattat bis-sħana għal temperatura biżżejjed biex teqred it-*Trichinella*; 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta; u, 3. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta.	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 6(a) tal-Appendiċi A meta l-prodott finali huwa trattat bis-sħana għal temperatura biżżejjed biex teqred it-*Trichinella*; 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta; u, 3. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam						
Ruminanti, ekwidi, majjali, pollam u tjur tal-kaċċa mrobbija						
Saħħa Pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli; 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta; u, 3. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta.	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli; 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta; u, 3. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Proteini pproċessati mill-annimali għall-konsum mill-bniedem						
Ruminanti, ekwidi, majjali, pollam u annimali tal-kaċċa mrobbija						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 4 meta l-prodott finali huwa trattat bis-sħana għal temperatura biżżejjed biex teqred it-*Trichinella*; u 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta.	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 6(a) tal-Appendiċi A meta l-prodott finali huwa trattat bis-sħana għal temperatura biżżejjed biex teqred it-*Trichinella*; u, 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Grass tal-annimali mmaċinat maħsub għall-konsum mill-bniedem						
Ruminanti, ekwidi, majjali, pollam u annimali tal-kaċċa mrobbija						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 4; u, 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta.	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	1. Laħam frisk użat biex isiru l-prodotti jikkonforma ma' kundizzjonijiet speċjali applikabbli, minbarra l-kundizzjoni speċjali 6(a) tal-Appendiċi A; u, 2. Konformità mal-istandards tal-prodott tal-Parti li timporta.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ġlud tal-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Bhejjem tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż u majjali						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Konformità mar-regoli Kanadiżi dwar l-enċefalopatija sponġiforma trasmissibbli	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	Konformità ma' regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-enċefalopatija sponġiforma trasmissibbli

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Prodotti tas-sajd u molluski bivalvi ħajjin						
Ħut u prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum tal-bniedem						
Saħħa Pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005 2074/2005	- *Fish Inspection Act*, R.S.C. 1985, c. F-12 - *Fish Inspection Regulations*, C.R.C., c. 802 - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Ħut affumikat ippakkjat f'kontenituri ssiġġillati ermetikament li mhux iffriżat għandu livell ta' melħ mhux inqas minn 9 fil-mija (il-metodu water phase). Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.	- *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005 2074/2005	Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ħut evixxerat mingħajr ras għall-konsum mill-bniedem						
Saħħa tal-Annimali	Direttiva 2006/88	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part XVI - *Reportable Disease Regulations*, S.O.R./91-2		- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part XVI	Direttiva 2006/88 Regolament 1251/2008	

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Molluski bivalvi ħajjin għall-konsum mill-bniedem, inklużi ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2074/2005	- *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations* - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.	- *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations* - *Management of Contaminated Fisheries Regulations*, S.O.R./90-351 - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2074/2005	Molluski bivalvi ħajjin huma mmonitorjati għal tossini tal-velenu tal-frott tal-baħar bil-qoxra tad-dijarea fuq livell ibbażat fuq ir-riskju Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ħut maqbud bl-awtorità ta' liċenzja tas-sajd għar-rikreazzjoni mill-Kanada						
Saħħa pubblika				- *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations*	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 2073/2005	Għal ħut maqbud bl-awtorità ta' liċenzja għas-sajd għar-rikreazzjoni mill-Kanada bl-isem l-importatur, iridu jiġu sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin: 1. Il-ħut inqabad fl-ilmijiet tas-sajd Kanadiżi fid-dati li jaqgħu matul iż-żmien ta' validità tal-liċenzja, b'konformità mar-regolamenti Kanadiżi dwar is-sajd sportiv, u li l-limiti tal-pussess kienu rispettati; 2. Il-ħut tnaddaf mill-imsaren skont il-miżuri xierqa tal-iġjene u tal-priżervazzjoni; 3. Il-ħut mhuwiex ta' speċi velenuża jew ta' speċi li jista' jkun fiha l-bijotossini; u, 4. Il-ħut jiddaħħal fl-Unjoni Ewropea fi żmien xhar wara l-aħħar data ta' validità tal-liċenzja tas-sajd għar-rikreazzjoni u mhuwiex maħsub għat-tqegħid fis-suq. Kopja tal-liċenzja tas-sajd għar-rikreazzjoni hija mehmuża mad-dokument ta' akkumpanjament.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ħalib u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Ġobon minn ħalib pasturizzat jew mhux pasturizzat (jew ittrattat bis-sħana mhux qawwija) u ħalib mhux ipproċessat immaturat għal mill-inqas 60 ġurnata						
Saħħa pubblika	Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, s. 34 - *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*, Part B, Division 8 - *Canada Agricultural Products Act*, R.S.C 1985, c. 20 (4th Supp.) - *Dairy Products Regulations*, S.O.R./79-840	Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.	- *Food and Drugs Act* - *Food and Drug Regulations*, Part B, Division B - *Canada Agricultural Products Act* - *Dairy Products Regulations*	Deċiżjoni 2011/163 Regolamenti 852/2004 853/2004 854/2004 605/2010	1. Il-Kanada trid tevalwa s-sistemi tal-Analiżi tal-Perikli u l-Punti Kritiċi ta' Kontroll ("HACCP") ta' stabbilimenti li mhumiex rikonoxxuti mill-Programm ta' Tisħiħ tas-Sikurezza Alimentari ("FSEP")-HACCP sabiex jiġi żgurat li huma joperaw skont il-prinċipji tal-HACCP; u, 2. Huma meħtieġa żewġ firem fuq iċ-ċertifikat tal-esportazzjoni: l-attestazzjonijiet tas-saħħa tal-annimali huma ffirmati minn veterinarju uffiċjali; u l-attestazzjonijiet relatati mas-saħħa pubblika huma ffirmati minn spettur uffiċjali. Is-sistemi Kanadiżi u tal-Unjoni Ewropea huma meqjusa li jipprovdu livell ekwivalenti ta' ħarsien fir-rigward tar-rekwiżiti mikrobijoloġiċi. Madankollu, il-kriterji mikrobijoloġiċi użati mill-Kanada u l-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-prodott aħħari huma differenti f'xi aspetti. Għal prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw il-kriterji tas-sikurezza alimentari tal-pajjiż importatur.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ġlud tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Majjali						
Saħħa tal-Annimali	Regolament 1069/2009	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part IV				
Għadam, qrun u dwiefer (ħlief pasti) u l-prodotti tagħhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Is-saħħa tal-annimali				- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*	Regolament 1069/2009	Ċertifikat skont id-Deċiżjoni 97/534

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Demm u prodotti tad-demm mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Ruminanti						
Is-saħħa tal-annimali	Regolament 1069/2009	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part IV and Part XIV - *Feeds Act*, R.S.C. 1985, c. F-9 - *Feeds Regulations*, 1983, S.O.R./83-593	Konformità mar-regoli Kanadiżi dwar l-enċefalopatija sponġiforma trasmissibbli			

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Prodotti tal-apikultura mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Saħħa tal-Annimali	Regolament 1069/2009	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part VI	Prodott soġġett għal trattament, pereżempju lijofilizzazzjoni, irradjazzjoni jew ippakkjar bil-vakwu.	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations* - Bee Products Directive TAHD-DSAT-IE-2001-3-6, January 5, 2011	Regolament 1069/2009	1. Prodotti tan-naħal użati għal għalf tal-annimali jew tal-bniedem jew użu industrijali mhumiex ristretti. u 2. Prodotti tan-naħal użati għal għalf tan-naħal jiġu ttrattati.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Suf, rix u xagħar						
Suf						
Is-saħħa tal-annimali	Regolament 1069/2009	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part IV	Ċertifikat tal-oriġini	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*	Regolament 1069/2009	
Lanżit tal-ħanżir						
Is-saħħa tal-annimali	Regolament 1069/2009	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part IV	Ċertifikat tal-oriġini	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*	Regolament 1069/2009	

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Bajd fil-qoxra u prodotti tad-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem						
Is-saħħa tal-annimali	Direttivi 90/539 2002/99	- *Health of Animals Act* - *Health of Animals Regulations*, Part III and Part IV (for shell eggs and egg products)	1. Dikjarazzjoni tal-oriġini; u, 2. Ċertifikazzjoni veterinarja	*Egg Products – Import Procedures*, AHPD-DSAE-IE-2001-5-3, December 20, 1995	Direttivi 90/539 2002/99	

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Kwistjonijiet orizzontali						
Elenku ta' stabbilimenti	Regolamenti 2004/852 2004/853 2004/854	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations* - *Canada Agricultural Products Act* - *Dairy Products Regulations*	Elenku meħtieġ għal-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam	- *Meat Inspection Act* - *Meat Inspection Regulations, 1990* - *Fish Inspection Act* - *Fish Inspection Regulations* - *Canada Agricultural Products Act* - *Dairy Products Regulations*	Regolamenti 2004/852 2004/853 2004/854	Il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-annimal u għall-prodotti bażiċi tal-annimali b'rikonoxximent mis-saħħa pubblika fejn tkun meħtieġa lista ta' stabbilimenti: 1. Listi ta' stabbilimenti u impjanti Kanadiżi huma mdaħħla fis-sistema TRACES mill-Kanada; u, 2. Il-Kanada tipprovdi garanziji li l-istabbilimenti jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kif stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fl-intier tiegħu. L-Unjoni Ewropea taġġorna u tippubblika l-lista ta' stabbilimenti mingħajr dewmien żejjed.

Qasam tal-SPS	Esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Kanada			Esportazzjonijiet mill-Kanada għall-Unjoni Ewropea		
	Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**	**Miżura/i SPS tal-Kanada**	**Miżura/i SPS tal-Unjoni Ewropea**	**Kundizzjoni(ijiet) speċjali**
Ilma	Direttiva 98/83	*- Canada Agricultural Products Act* *- Dairy Products Regulations* *- Fish Inspection Act* *- Fish Inspection Regulations* *- Food and Drugs Act* *- Food and Drug Regulations* *- Meat Inspection Act* *- Meat Inspection Regulations, 1990*		*- Canada Agricultural Products Act* *- Dairy Products Regulations* *- Fish Inspection Act* *- Fish Inspection Regulations* *- Food and Drugs Act* *- Food and Drug Regulations* *- Meat Inspection Act* *- Meat Inspection Regulations, 1990*	Direttiva 98/83	

APPENDIĊI A

KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI B'RISPETT GĦAL ĊERTI ESPORTAZZJONIJIET MILL-KANADA GĦALL-UNJONI EWROPEA

1. Konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-enċefalopatija sponġiforma trasmissibbli;

2. Il-karkassi m'għandhomx jiġu mkeffna;

3. Konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar id-dekontaminazzjoni;

4. Konformità mal-ittestjar mikrobijoloġiku għall-esportazzjoni lejn il-Finlandja u l-Iżvezja kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005.

5. Spezzjoni *ante mortem*

   Proċeduri ta' spezzjoni *ante mortem* ta' rutina japplikaw sakemm il-veterinarju tas-CFIA jkun preżenti fuq il-post meta titwettaq l-ispezzjoni *ante mortem* fuq l-annimali maħsuba għall-qatla għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea;

6. Spezzjoni *post mortem*

   (a) Majjal:

   f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1375:

   (i) il-muskoli skeletali huma ttestjati għat-Trichinella permezz ta' metodu ta' diġestjoni vvalidat approvat mis-CFIA f'laboratorju tas-CFIA jew laboratorju ċċertifikat mis-CFIA għal dik il-fini; jew,

   (ii) il-muskoli skeletali jiġu sottomessi għal trattament kiesaħ bl-użu ta' trattament approvat mis-CFIA;

(b) Laħam bovin ta' iktar minn 6 ġimgħat:

(i) fwied: inċiżjoni tas-superfiċe gastrika u fil-qiegħ tal-caudate lobe biex jiġu eżaminati l-kanali tal-bili;

(ii) ras: żewġ inċiżjonijiet fil-masseters esterni paralleli għall-mandible;

(c) Solipedi domestiċi:

skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1375, il-muskoli skeletali huma ttestjati għat-Trichinella permezz ta' metodu ta' diġestjoni vvalidat approvat mis-CFIA f'laboratorju tas-CFIA jew f'laboratorju ċċertifikat mis-CFIA għal dik il-fini;

(d) Annimali tal-kaċċa mrobbija - ċingjal:

skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1375, il-muskoli skeletali huma ttestjati għat-Trichinella permezz ta' metodu ta' diġestjoni vvalidat approvat mis-CFIA f'laboratorju tas-CFIA jew f'laboratorju ċċertifikat mis-CFIA għal dik il-fini;

7. Kontroll regolari fuq l-iġjene ġenerali:
barra mir-rekwiżiti tal-miżuri sanitarji operattivi u preoperattivi Kanadiżi, ir-rekwiżiti ta' ttestjar tal-prodotti għall-E. coli u s-Salmonella għall-Istati Uniti tal-Amerika (USA) kif miktub fl-Anness T: Ittestjar għall-Escherichia coli (E. coli) fi Stabbilimenti tal-Qatla u Anness U: huma implimentati Standards tal-Prestazzjoni tal-USDA għas-Salmonella tat-taqsima tal-USA tal-Kapitolu 11 tal-Manwal tal-Iġjene tal-Laħam tas-CFIA; u

8. Konformità ma' kriterji tas-sikurezza alimentari mikrobijoloġika tal-Parti li timporta.

TAQSIMA B

Miżuri Fitosanitarji

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

ANNESS 5 F

APPROVAZZJONI TAL-ISTABBILIMENTI JEW FAĊILITAJIET

Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-fini tal-Artikolu 5.7.4(b) huma kif ġej:

(a) l-importazzjoni tal-prodott tkun ġiet awtorizzata, jekk dan ikun meħtieġ, mill-awtorità kompetenti tal-Parti li tkun qed timporta;

(b) l-istabbiliment jew il-faċilità kkonċernati jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti tal-Parti li tkun qed tesporta;

(c) l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta għandha l-awtorità li tissospendi jew tirtira l-approvazzjoni tal-istabbiliment jew tal-faċilità; u

(d) il-Parti li tesporta tkun ipprovdiet l-informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parti li timporta.

ANNESS 5-G

PROĊEDURA RELATATA MAR-REKWIŻITI TA' IMPORTAZZJONI SPEĊIFIĊI GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI

Objettiv ewlieni ta' din il-proċedura huwa li l-Parti li timporta tistabbilixxi u żżomm, skont l-aħjar kapaċità tagħha, lista ta' pesti regolati għal prodotti bażiċi fejn jinsab tħassib fitosanitarju fit-territorju tagħha.

1. Jekk il-Partijiet jidentifikaw prodott bażiku speċifiku bħala prijorità, il-Parti timporta għandha tistabbilixxi lista preliminari ta' pesti għal dak il-prodott bażiku, f'perjodu ta' żmien determinat mill-Partijiet, ladarba tirċievi mingħand il-Parti li tesporta:

   (a) informazzjoni dwar l-istatus tal-pesti fit-territorju tal-Parti li tesporta li tirrigwarda l-pesti rregolati minn tal-inqas waħda mill-Partijiet; u

   (b) informazzjoni dwar l-istatus tal-pesti ta' pesti oħra li jinsabu fit-territorju tagħha bbażata fuq bażijiet tad-dejta internazzjonali u riżorsi oħra disponibbli.

2. Il-lista preliminari ta' pesti ta' Parti li timporta tista' tinkludi pesti li huma diġà rregolati fit-territorju tagħha. Din tista' tinkludi wkoll pesti ta' kwarantina potenzjali li għalihom il-Parti li timporta tista' teħtieġ analiżi tar-riskju tal-pesti f'każ li prodott bażiku jiġi kkonfermat bħala prijorità skont il-paragrafu 3.

3. Għal prodott bażiku:

   (a) li għalih ġiet stabbilita lista preliminari ta' pesti skont il-paragrafu 2;

   (b) li l-Partijiet jikkonfermaw huwa prijorità; u

   (c) li għalih il-Parti li tesporta tkun ipprovdiet l-informazzjoni rilevanti kollha mitluba mill-Parti li timporta,

   il-Parti li timporta għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiġi stabbilita l-lista ta' pesti regolati tagħha kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi ta' importazzjoni għal dak il-prodott bażiku.

4. Jekk il-Parti li timporta tipprovdi għal aktar minn miżura fitosanitarja waħda biex tilħaq ir-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni għal prodott bażiku speċifiku, l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta l-miżura/i li se tuża bħala bażi għaċ-ċertifikazzjoni.

ANNESS 5-H

PRINĊIPJI U LINJI GWIDA BIEX JITMEXXA AWDITJAR JEW VERIFIKA

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

ANNESS 5-I

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-ESPORTAZZJONI

Attestazzjoni mudell għal ċertifikati tas-saħħa għal annimali u prodotti tal-annimali

1. Ċertifikati tas-saħħa uffiċjali jkopru kunsinni ta' prodotti li jkunu qed jiġu nnegozjati bejn il-Partijiet.

Attestazzjonijiet tas-saħħa

2. Ekwivalenza miftiehma: Mudell ta' attestazzjoni tas-saħħa li għandu jintuża (ekwivalenza għall-miżuri jew is-sistemi ta' ċertifikazzjoni). Irreferi għall-Anness 5-E;

"Il-[daħħal il-prodott] deskritt hawnhekk, jikkonforma mal-miżura/i u rekwiżit(i) SPS rilevanti [tal-Unjoni Ewropea/tal-Kanada] (*) li ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-miżura/i u rekwiżit(i) SPS rilevanti tal-[Kanada/tal-Unjoni Ewropea] (*) kif preskritt fl-Anness 5-E tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv Kanada-Unjoni Ewropea [u l-kundizzjoni(ijiet) speċjali kif stipulat fl-Anness 5-E](*).

* Ħassar kif xieraq."

3. Sakemm jiġu adottati ċ-ċertifikati fuq il-bażi tal-ekwivalenza, tibqa' tintuża ċ-ċertifikazzjoni eżistenti.

Lingwi uffiċjali għaċ-ċertifikazzjoni

4. (a) Għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, iċ-ċertifikat irid jitħejja f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni tal-kunsinna fl-Unjoni Ewropea; u

(b) għall-importazzjoni fil-Kanada, iċ-ċertifikat irid jitfassal f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Kanada.

Mezzi ta’ ċertifikazzjoni

5. L-iskambju tal-informazzjoni taċ-ċertifikat oriġinali jista' jseħħ permezz ta' sistema bbażata- fuq il-karta jew metodu sikur ta' trażmissjoni elettronika tad-dejta li joffri garanzija ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti. Il-Parti li tesporta tista’ tagħżel li tforni ċ-ċertifikazzjoni uffiċjali jekk il-Parti li timporta tkun iddeterminat li l-garanziji ta' sigurtà ekwivalenti qed jiġu pprovduti, inkluż l-użu ta’ firma diġitali u mekkaniżmu ta' non-rifjut. Il-ftehim tal-Parti li timporta għall-użu esklussiv taċ-ċertifikazzjoni elettronika jista' jew jiġi rreġistrat permezz ta' korrispondenza f'wieħed mill-annessi ta' dan il-Ftehim jew b'korrispondenza b'mod konformi mal-Artikolu 5.14.8.

6. L-Unjoni Ewropea tista’ tistabbilixxi ċ-ċertifikati ta’ importazzjoni tagħha għal annimali ħajjin u prodotti mill-annimali mill-Kanada bi status ta’ ekwivalenza msemmi fl-Anness 5-E fis-Sistema ta' Esportazzjoni ta' Kummerċ u Kontroll (“TRACES”).

ANNESS 5-J

KONTROLLI U TARIFFI TAL-IMPORTAZZJONI

TAQSIMA A

Frekwenza tal-kontrolli

Il-Partijiet jistgħu jimmodifikaw ir-rata ta' kull frekwenza, li huma responsabbli għaliha, kif xieraq, waqt li jittieħed kont tan-natura tal-kontrolli magħmula mill-Parti li tesporta qabel l-esportazzjoni, l-esperjenza tal-passat tal-Parti li timporta mal-prodotti importati mill-Parti li tesporta, il-progress magħmul lejn ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza, jew bħala riżultat ta'azzjonijiet oħra jew konsultazzjonijiet ipprovduti f'dan il-Ftehim.

Tabella 1 - Frekwenzi ta' kontrolli fil-fruntiera ta' kunsinni ta' annimali ħajjin, prodotti mill-annimali u prodotti sekondarji mill-annimali

Tip ta’ kontroll fil-fruntiera	Rata normali kif imsemmija fl-Artikolu 5.10.1
1. Kontrolli dokumentarji u tal-identità Kull Parti tagħmel kontrolli tad-dokumenti u tal-identità fuq il-kunsinni kollha	
2. Kontrolli Fiżiċi	
Annimali ħajjin	100 fil-mija
Sperma, embrijuni jew ova	10 fil-mija
Prodotti mill-annimali maħsuba għal konsum mill-bniedem 1.Laħam frisk inkluż l-interjur tiegħu, u prodotti ta' l-ispeċji bovina, ovina, kaprina, porċina u ekwina definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/5/KEE Bajd sħiħ Xaħam u grass tal-annimali mmaċinat Ġlud tal-annimali Ġelatina Laħam tal-pollam u prodotti tal-laħam tal-pollam Laħam tal-fenek, laħam tal-annimali tal-kaċċa (selvaġġ/imrobbi) u l-prodotti tagħhom Ħalib u prodotti tal-ħalib Prodotti tal-bajd Għasel Għadam u prodotti magħmulin mill-għadam Preparazzjonijiet tal-laħam u laħam ikkapuljat Saqajn taż-żrinġijiet u bebbux	10 fil-mija

Tip ta’ kontroll fil-fruntiera	Rata normali kif imsemmija fl-Artikolu 5.10.1
Prodotti mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem Xaħam u grass tal-annimali mmaċinat Ġlud tal-annimali Ħalib u prodotti tal-ħalib Ġelatina Għadam u prodotti magħmulin mill-għadam Ġlud u ungulati tal-ġlud Trofej tal-kaċċa Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi Materja prima għall-manifattura ta' ikel tal-annimali Materja prima, demm, prodotti tad-demm, glandoli u organi għall-użu farmaċewtiku jew tekniku Proteina pproċessata tal-annimali (ippakkjata) Lanżit, suf, xagħar u rix Qran, prodotti tal-qruan, dwiefer u prodotti tad-dwiefer Prodotti tal-apikultura Bajd għat-tfaqqis Demel Ħuxlief u tiben	10 fil-mija

Tip ta’ kontroll fil-fruntiera	Rata normali kif imsemmija fl-Artikolu 5.10.1
Proteina pproċessata mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (bl-ingrossa)	100 fil-mija għal sitt kunsinni konsekuttivi (skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009), jekk dawn it-testijiet konsekuttivi jirriżultaw negattivi, il-kampjunar aleatorju għandu jitnaqqas għal 20 fil-mija ta' kunsinni bl-ingrossa sussegwenti mill-istess sors. Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni aleatorji jirriżulta pożittiv, l-awtorità kompetenti trid tieħu kampjuni minn kull kunsinna mill-istess sors sakemm sitt testijiet konsekuttivi jerġgħu jirriżultaw negattivi.
Frott tal-baħar bil-qoxra molluski bivalvi ħajjin	15 fil-mija
Ħut u prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum tal-bniedem Prodotti tal-ħut f'pakketti ermetikament siġillati intiżi li jrenduhom stabbli f'temperaturi ambjentali, ħut frisk jew iffriżat, prodotti tas-sajd niexfin, prodotti tas-sajd immelħa, jew prodotti tas-sajd xotti u mmelħa	15 fil-mija
Prodotti oħra tas-sajd Krustaċji ħajjin jew ħut frisk mingħajr ras u mnaddfa mill-imsaren mingħajr iżjed ipproċessar bl-idejn	2 fil-mija

Għall-għanijiet ta’ dan l-Anness, "kunsinna" tfisser kwantità ta’ prodotti tal-istess tip, koperti bl-istess ċertifikat jew dokument tas-saħħa, mibgħuta bl-istess mezz ta’ trasport, mibgħuta minn destinatarju wieħed u li toriġina mill-istess Parti li tesporta jew minn parti minn din il-Parti.

TAQSIMA B

Tariffi

Għandu jiġi miftihem iktar tard.

ANNESS 8-A

ESPROPRJAZZJONI

Il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim komuni tagħhom li:

1. L-esproprjazzjoni tista' tkun diretta jew indiretta:

   (a) esproprjazzjoni diretta tiġri meta investiment huwa nazzjonalizzat jew inkella direttament esproprjat permezz ta' trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett; u

   (b) esproprjazzjoni indiretta tiġri meta miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti jkollhom effett ekwivalenti għal esproprjazzjoni diretta, f'li dan sostanzjalment iċaħħad l-investitur mill-attribwiti fundamentali ta' proprjetà fl-investiment kopert tiegħu, inkluż id-dritt li juża, jgawdi u jiddisponi mill-investiment kopert tiegħu, mingħajr trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett.

2. Id-determinazzjoni ta' jekk miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti, f'sitwazzjoni speċifika, tikkostitwixxix esproprjazzjoni indiretta teħtieġ inkjesta ta' każ-b'-każ, ibbażata fuq il-fatti li tqis, fost fatturi oħra:

   (a) l-impatt ekonomiku tal-miżura jew serje ta' miżuri, għalkemm il-fatt waħdu li miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti għandu effett negattiv fuq il-valur ekonomiku ta' investiment, ma jistabbilixxix li seħħet espropjazzjoni indiretta;

   (b) it-tul ta' żmien tal-miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti;

(c) il-punt sa fejn il-miżura jew serje ta' miżuri jinterferixxu ma' aspettattivi distinti, raġjonevoli u bbażati fuq l-investiment; u

(d) it-tip ta' miżura jew serje ta' miżuri, b'mod partikolari l-għan, il-kontenut u l-intenzjoni tagħhom.

3. Għal aktar ċertezza, ħlief f'ċirkostanzi rari fejn l-impatt ta' miżura jew serje ta' miżuri jkun tant gravi fid-dawl tal-għan tiegħu li jidher manifestament eċċessiv, miżuri mhux- diskriminatorji ta' Parti li jkunu mfassla u applikati biex jipproteġu l-objettivi leġittimi tal-politika pubblika, bħas-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent, ma jikkostitwixxux esproprjazzjoni indiretta.

ANNESS 8-B

ID-DEJN PUBBLIKU

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

   ristrutturar nnegozjat tfisser ir-ristrutturazzjoni jew l-iskedar mill-ġdid tad-dejn ta' Parti li tkun ġiet effettwata permezz

   (a) ta' modifika jew emenda ta' strumenti tad-dejn, kif previst skont it-termini tagħhom, inkluża l-liġi regolatorja tagħhom, jew,

   (b) ta' skambju ta' dejn jew proċess simili ieħor li fih id-detenturi ta' mhux inqas minn 75 fil-mija tal-ammont prinċipali totali tad-dejn pendenti soġġett għar-ristrutturar taw il-kunsens tagħhom għal tali skambju ta' dejn jew proċess ieħor; u

   liġi regolatorja ta' strument tad-dejn tfisser il-liġijiet tal-ġurisdizzjoni applikabbli għal dak l-istrument ta' dejn.

2. Ma tista' tiġi sottomessa l-ebda pretensjoni li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser obbligu skont it-Taqsimiet C u D, jew jekk diġà sottomessa tkompli skont it-taqsima F jekk ir-ristrutturar huwa ristrutturar nnegozjat fiż-żmien tas-sottomissjoni, jew li jsir ristrutturar nnegozjat wara din is-sottomissjoni, ħlief għal pretensjoni li r-ristrutturar jikser l-Artikolu 8.6 jew 8.7.

3. Minkejja l-Artikolu 8.22.1(b) u suġġett għall-paragrafu 2, investitur ta' Parti ma jistax jissottometti pretensjoni skont it-Taqsima F li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser obbligu skont it-Taqsimiet C u D (minbarra l-Artikolu 8.6 jew 8.7)[1] sakemm ma jkunux għaddew 270 jum mid-data tas-sottomissjoni mill-applikant tat-talba bil-miktub għall-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 8.19.

4. Għal aktar ċertezza, **dejn ta' Parti** tfisser strument ta' dejn ta' kull livell ta' gvern ta' Parti.

[1] Għal aktar ċertezza, is-sempliċi differenzi fi trattament li jingħata minn Parti lil ċerti investituri jew investimenti fuq il-bażi ta' objettivi leġittimi ta' politika fil-kuntest ta' kriżi ta' dejn jew it-theddida tiegħu, inklużi dawk id-differenzi fit-trattament li jirriżultaw mill-eliġibbiltà għal ristrutturar tad-dejn, ma jammontawx għal ksur tal-Artikolu 8.6 jew 8.7.

ANNESS 8-C

ESKLUŻJONIJIET MINN SOLUZZJONI TA' TILWIM

Deċiżjoni mill-Kanada wara reviżjoni taħt l-*Investment Canada Act*, R.S.C. 1985, c. 28 (1st Supp.), rigward jekk għandux jiġi permess jew le investiment li huwa suġġett għal rieżami, mhijiex suġġetta għall-provvedimenti ta' saldu għal tilwim skont it-Taqsima F, jew għall-Kapitolu Disgħa-u Għoxrin (Soluzzjoni ta' Tilwim). Għal aktar ċertezza, din l-esklużjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Parti li tirrikorri għall-Kapitolu Disgħa -u għoxrin (Soluzzjoni ta' Tilwim) fir-rigward tal-konsistenza ta' miżura bir-riżervi ta' xi Parti, kif stipulat fl-Iskeda tal-Parti għall-Annessi I, II jew III, kif xieraq.

ANNESS 8-D

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLU 8.12.6.

Konxji li t-Tribunal għar-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istati huwa maħsub biex jinfurza l-obbligi msemmija fl-Artikolu 8.18.1, u mhuwiex mekkaniżmu ta' appell għad-deċiżjonijiet tal-qrati domestiċi, il-Partijiet ifakkru li l-qrati domestiċi ta' kull Parti huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-eżistenza u l-validità tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li kull Parti tkun ħielsa li tiddetermina l-metodu xieraq għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim rigward il-proprjetà intellettwali fis-sistema u l-prattika legali tagħhom stess. Il-Partijiet jaqblu li jirrevedu r-relazzjoni bejn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-dixxiplini ta' investiment fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew fuq talba ta' xi Parti. Apparti din ir-reviżjoni u sal-punt meħtieġ, il-Partijiet jistgħu joħorġu interpretazzjonijiet li jorbtu biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni korretta tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-investiment skont dan il-Ftehim f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8.31.3.

ANNESS 8-E

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-ARTIKOLI 8.16, 9.8 U 28.6

Għal dak li jirrigwarda l-Artikoli 8.16, 9.8 (Ċaħda tal-benefiċċji) u 28.6 (is-Sigurtà nazzjonali), il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim tagħhom li miżuri li huma "relatati maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali" jinkludu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

ANNESS 8-F

DIKJARAZZJONI MILL-KANADA DWAR L-*INVESTMENT CANADA ACT*

Il-Kanada se żżid il-livell limitu għal reviżjoni skont l-*Investment Canada Act*, R.S.C. 1985, c. 28 (1st Supp.) ("ICA") għal CAD $1,5 biljun ladarba dan il-Ftehim jiġi implimentat.

Kwalunkwe emendi futuri lill-ICA jkunu soġġetti għar-rekwiżit li dawn l-emendi ma setgħux inaqqsu l-konformità tal-ICA mal-obbligi ta' investiment ta' dan il-Ftehim.

Kif stabbilit fir-riżerva tal-ICA tal-Kanada (Anness I-C-I), il-limitu ogħla se japplika għal akkwist ta' intrapriża Kanadiża minn investitur tal-Unjoni Ewropea li mhijiex intrapriża tal-Istat. Id-determinazzjoni ta' jekk l-akkwirent huwiex investitur tal-Unjoni Ewropea tkun ibbażata fuq jekk ċittadin tal-Unjoni Ewropea jikkontrollax l-akkwirent fil-liġi, jew fin-nuqqas ta' sjieda maġġoritarja, jekk ċittadini tal-Unjoni Ewropea jikkontrollawx l-akkwirent bħal permezz tas-sjieda ta' interessi tal-votazzjoni jew permezz tan-nazzjonalità tal-membri tal-bord tad-diretturi. Barra minn hekk, l-intrapriżi tal-Unjoni Ewropea li huma kkontrollati minn ċittadini mis-sħab fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles eżistenti tal-Kanada li magħhom il-Kanada ħadet impenji ta' investiment ukoll jibbenefikaw minn limitu ogħla.

Il-Kanada ser temenda l-ICA tagħha biex tipprovdi għall-bidliet meħtieġa għal-livell limitu ogħla ta' reviżjoni indikat hawn fuq mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ANNESS 9-A

FEHIM DWAR IT-TRATTAMENT NAZZJONALI FIR-RIGWARD TAL-FORNIMENT TRANSFRUNTIERI TA' SERVIZZI

1. L-Unjoni Ewropea u l-Kanada jikkondividu l-fehim li ġej fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9.3 għal trattament mogħti minn gvern provinċjali jew territorjali fil-Kanada, jew minn Stat Membru jew minn gvern tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-forniment transfruntieri ta' servizzi kif definit fl-Artikolu 9.1 jew il-forniment ta' servizz minn persuna fiżika ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra.

2. Skont l-Artikolu 9.3, trattament "mhux inqas favorevoli minn l-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lill-fornituri tas-servizzi u s-servizzi tiegħu stess" ma japplikax għal persuna tal-Parti l-oħra, jew għal servizz ipprovdut minn din il-persuna jekk:

   (a) fil-każ tal-Kanada, gvern provinċjali jew territorjali tal-Kanada jagħti trattament aktar favorevoli lil fornitur ta' servizz li huwa persuna ta' gvern ieħor provinċjali jew territorjali tal-Kanada, jew lil servizz ipprovdut minn dan il-fornitur; u

   (b) fil-każ tal-Unjoni Ewropea:

      (i) gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jagħti trattament aktar favorevoli lil fornitur ta' servizz li huwa persuna ta' Stat Membru ieħor jew lil servizz mogħti minn dan il-fornitur;

      (ii) gvern reġjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jagħti trattament aktar favorevoli lil fornitur ta' servizz li huwa persuna ta' gvern reġjonali ieħor ta' dak l-Istat Membru, jew lil servizz mogħti minn dan il-fornitur; u

(c) it-trattament aktar favorevoli msemmi fis-subparagrafi (a) u (b) hu mogħti skont ċerti drittijiet u obbligi reċiproċi speċifiċi applikabbli bejn dawn il-gvernijiet.

3. Għall-Unjoni Ewropea, paragrafu 2 jinkludi b'mod partikolari t-trattament mogħti skont it-*Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*, li sar f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007 fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi, kif ukoll għal trattament mogħti minn kwalunkwe miżura adottata skont dan it-Trattat. Gvern ta' jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' jagħti trattament aktar favorevoli skont it-*Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea* għal dawk il-persuni fiżiċi li huma ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew lil intrapriżi ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fl-Unjoni Ewropea, u lis-servizzi pprovduti minn dawn il-persuni fiżiċi jew intrapriżi.

4. Għall-Kanada, il-paragrafu 2 jinkludi b'mod partikolari t-trattament mogħti skont il-*Ftehim Kanadiż dwar il-Kummerċ Intern*, datat it-18 ta' Lulju 1994, bejn il-Gvern tal-Kanada u l-gvernijiet tal-provinċji u t-territorji tal-Kanadata ("AIT") kif ukoll trattament mogħti minn kwalunkwe miżura adottata skont l-AIT u minn ftehimiet reġjonali dwar il-moviment liberu ta' persuni u servizzi. Gvern provinċjali jew territorjali fil-Kanada jista' jagħti trattament aktar favorevoli skont l-AIT u dawn il-ftehimiet reġjonali lil dawk il-persuni fiżiċi li huma residenti fit-territorju ta' Parti għall-AIT jew ftehim reġjonali jew lil intrapriżi ffurmati skont il-liġi ta' Parti għall-AIT jew ftehim reġjonali li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Kanada, u lis-servizzi mogħtija minn dawn l-istess persuni fiżiċi jew intrapriżi.

ANNESS 9-B

FEHIM DWAR SERVIZZI ĠODDA
MHUX KLASSIFIKATI FIL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT ĊENTRALI (CPC)
PROVVIŻORJA TAN-NAZZJONIJIET UNITI, 1991

1. Il-Partijiet jaqblu li l-Kapitolu Tnax (Regolamentazzjoni Domestika) u l-Artikoli 9.3, 9.5, u 9.6 ma japplikawx għal miżura fir-rigward ta' servizz ġdid li ma jistax jiġi kklassifikat fis-CPC 1991.

2. Sa fejn ikun possibbli, kull Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra qabel ma tadotta miżura inkonsistenti ma' Kapitolu Tnax (Regolamentazzjoni Domestika), u l-Artikoli 9.3, 9.5, u 9.6 fir-rigward ta' servizz ġdid, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet jidħlu f'negozjati biex jinkorporaw is-servizz ġdid fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. Għal aktar ċertezza, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal servizz eżistenti li jista' jiġi kklassifikat fis-CPC 1991, iżda li qabel ma setax jiġi fornut fuq bażi transfruntieri minħabba nuqqas ta' fattibilità teknika.

ANNESS 9-C

FEHIM DWAR SERVIZZI TAL-KURJER

1. Il-Partijiet jaqsmu l-fehim li ġej fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 8.2.2(a) (Ambitu) u 9.2.2(e) (Ambitu).

2. Il-Partijiet jikkonfermaw li servizzi tal-kurjer huma koperti minn Kapitoli Tmienja (Investiment) u Disgħa (Kummerċ Transfruntieri fis-Servizzi), suġġetti għal riżervi applikabbli kif stabbilit fl-Iskedi tal-Partijiet ta' Annessi I u II. Għal iktar ċertezza, it-trattament offrut lil servizzi tal-kurjer skont Kapitoli Tmienja u Disgħa ma jinkludix l-għotja tad-drittijiet tat-traffiku tal-ajru għal fornituri tas-servizz tal-kurjer. Dawn id-drittijiet huma suġġetti għall-*Agreement on Air Transport between Canada and the European Community and its Member States*, magħmul fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2009 u f'Ottawa fit-18 ta' Diċembru 2009.

ANNESS 10-A

LISTA TA' PUNTI TA' KUNTATT
TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-abbrevjazzjonijiet huma kif definiti fil-paragrafu 8 tal-Anness 10-E.

AT
Għal kwistjonijiet ta' residenza u tal-viża:
Department III/4 - Residence, Civil Status and Citizenship Matters
Federal Ministry of the Interior

Għal kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol:
EU labour market laws and international affairs of labour market laws
Federal Ministry for Labour, Social Affairs and Consumer Protection

BE
Direction générale Potentiel économique
Politique Commerciale

BG
Director of International labour migration and mediation
Employment Agency

CY
Director of Civil Registry and Migration Department
Ministry of Interior

CZ
Ministry of Industry and Trade
Department of Common Trade Policy and International Economic Organisations

DE
CETA Advisor
Canadian German Chamber of Industry and Commerce Inc.

DK
Danish Agency for Labour Market and Recruitment
Ministry of Employment

EE
Head of Migration- and Border Policy Department
Estonian Ministry of the Interior

EL
Directorate for Justice, Home Affairs & Schengen issues
Ministry of Foreign Affairs

ES
Ministry of Employment and Social Security

FI
Immigration Unit, Section for employed persons
Finnish Immigration Service

FR
Direction générale des étrangers en France (DGEF).
Ministère de l'Intérieur

HR
Head of Trade Policy Department
Ministry of Foreign and European Affairs

HU
Department for Trade Policy and Global Economy
Ministry of Foreign Affairs

IE
Immigration and Citizenship Policy Division
Irish Naturalisation & Immigration Service

IT
DG Trade Policy
Ministry for Economic Development

LT
International Economic Organizations Division
External Economic Relations Department
Ministry of Foreign Affairs of the Republic of Lithuania

LU
Bureau des Passeports, Visas et Légalisations
Ministry of Foreign Affairs

LV
Office of Citizenship and Migration Affairs of Latvia

MT
Director Citizenship and Expatriate Affairs
Citizenship and Expatriate Affairs Department
Ministry for Home Affairs & National Security

NL
Directorate General for Foreign Economic Relations
Ministry of Foreign Affairs

PT
Directorate General for Consular Affairs and Portuguese Communities
Ministry of Foreign Affairs

PL
Department of Trade Policy
Ministry of Economy

RO
Unit for Residence/Staying UE, SEE Citizens and Third Country – Migration Directorate
General Inspectorate for Immigration (GII)

SE
National Board of trade
Ministry of Justice, Division for Migration and Asylum Policy

SI
Migration Policy and Legislation Division
Migration Office
Internal Administrative Affairs, Migration and Naturalization Directorate
Ministry of the Interior

SK
Aliens Police Department
Bureau of Border and Aliens Police of Presidium of the Police Force
Trade Policy Department
Ministry of Economy

UK
Head of Migration Policy
Immigration and Border Policy Directorate
Home Office

ANNEX 10-B

RIŻERVI U EĊĊEZZJONIJIET LI JAPPLIKAW FI STATI MEMBRI SPEĊIFIĊI TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL PERSUNAL PRINĊIPALI U VIŻITATURI TAN-NEGOZJU TA' TERMINU QASIR

1. L-Artikoli 10.7 u 10.9 ma japplikawx għall-ebda miżura eżistenti li ma tikkonformax elenkata f'dan l-Anness, sal-punt ta' nuqqas ta' konformità.

2. Miżura elenkata f'dan l-Anness tista' tinżamm, titkompla, tiġġedded minnufih, jew tiġi emendata, sakemm l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura mal-Artikoli 10.7 jew 10.9, peress li kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda.[1]

3. Viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' investiment

1. Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li huma soġġetti għall-applikazzjoni tad-Direttiva eżistenti 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali ("id-Direttiva ICT"), l-Unjoni Ewropea testendi lill-konjuġi taċ-ċittadini Kanadiżi li huma ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali fl-Unjoni Ewropea, id-dritt ta' dħul u soġġorn temporanju ekwivalenti għal dak mogħti lill-konjuġi ta' ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali skont id-Direttiva ICT; u

2. Il-Kanada testendi lill-konjuġi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li huma ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali fil-Kanada trattament li huwa ugwali għat-trattament mogħti lill-konjuġi ta' ċittadini Kanadiżi li huma ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali fl-Istat Membru ta' oriġini tal-ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali tal-Unjoni Ewropea.

ANNESS 11-A

LINJI GWIDA GĦALL-MRAs

Introduzzjoni

Dan l-Anness fih linji gwida li jipprovdu gwida prattika biex jiffaċilitaw in-negozjati tal-MRAs fir-rigward ta' professjonijiet regolati. Dawn il-linji gwida mhumiex vinkolanti u ma jimmodifikawx jew jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi ta' Parti taħt dan il-Ftehim.

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

perjodu ta' adattament tfisser perjodu ta' prattika sorveljata, possibilment akkumpanjata b'taħriġ ulterjuri, ta' professjoni regolata fil-ġurisdizzjoni ospitanti taħt ir-responsabbiltà ta' persuna kwalifikata. Dan il-perjodu ta' prattika sorveljata jkun soġġett għal valutazzjoni. Ir-regoli dettaljati li jirregolaw il-perjodu ta' addattament, il-valutazzjoni tiegħu kif ukoll l-istatus professjonali tal-persuna taħt superviżjoni jkunu stabbiliti, kif ikun jixraq, fil-liġi tal-ġurisdizzjoni ospitanti;

test tal-aptitudni tfisser test limitat għat-tagħrif professjonali tal-applikanti, magħmul mill-awtoritajiet rilevanti tal-ġurisdizzjoni ospitanti bl-għan li jivvaluta l-abilità tal-applikanti li jeżerċitaw professjoni regolata f'dik il-ġurisdizzjoni; u

kamp ta' applikazzjoni tal-prattika tfisser attività jew grupp ta' attivitajiet koperti minn professjoni regolata.

Forma u Kontenut tal-MRA

Din it-Taqsima tistabbilixxi diversi kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati f'negozjati u, jekk ikun hemm qbil, inklużi fl-MRAs finali. Hija tiddeskrivi l-elementi li jistgħu jiġu meħtieġa minn professjonisti barranin li jixtiequ jibbenefikaw minn MRA.

1. Parteċipanti

Il-partijiet għall-MRA għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar.

2. Skop tal-MRA

L-iskop tal-MRA għandu jkun iddikjarat b'mod ċar.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-MRA

L-MRA għandu jistabbilixxi b'mod ċar:

(a) il-kamp ta' applikazzjoni tal-MRA, f'termini ta' titli professjonali speċifiċi u l-attivitajiet li jkopri;

(b) min huwa intitolat li juża t-titoli professjonali kkonċernati;

(c) jekk il-mekkaniżmu ta' rikonoxximent huwiex ibbażat fuq kwalifiki formali, liċenzja miksuba fil-ġurisdizzjoni ta' oriġini, jew fuq xi rekwiżit ieħor; u

(d) jekk l-MRA jippermettix aċċess temporanju jew permanenti għall-professjoni kkonċernata.

4. Dispożizzjonijiet ta’ Rikonoxximent Reċiproku

L-MRA għandu jispeċifika b’mod ċar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki f’kull ġurisdizzjoni u l-livell ta’ ekwivalenza miftihem.

Il-proċess ta' erba' fażijiet li ġej għandu jkun ikkunsidrat biex jissimplifika u jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki.

Proċess ta' Erba' Fażijiet għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki

L-Ewwel Fażi: Verifika tal-Ekwivalenza

L-entitajiet ta’ negozjar għandhom jivverifikaw l-ekwivalenza ġenerali tal-kampijiet ta' applikazzjoni ta’ prattika jew kwalifiki tal-professjoni regolata fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom.

L-eżami tal-kwalifiki għandu jinkludi l-ġbir tal-informazzjoni rilevanti kollha marbuta mal-kamp ta’ applikazzjoni tad-drittijiet tal-prattika relatati mal-kompetenza legali biex jipprattikaw jew il-kwalifiki meħtieġa għal professjoni regolata speċifika fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi.

Konsegwentement, l-entitajiet ta’ negozjar għandhom:

(a) jidentifikaw attivitajiet jew gruppi ta’ attivitajiet koperti mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-drittijiet tal-prattika tal-professjoni regolata; u

(b) jidentifikaw il-kwalifiki meħtieġa f’kull ġurisdizzjoni. Dawn jistgħu jinkludu l-elementi li ġejjin:

(i) il-livell minimu ta’ edukazzjoni meħtieġ, pereżempju, ir-rekwiżiti tad-dħul, it-tul tal-istudji u s-suġġetti studjati;

(ii) il-livell minimu ta’ esperjenza meħtieġa, pereżempju, il-post, it-tul u l-kundizzjonijiet ta’ taħriġ prattiku jew prattika professjonali sorveljata qabel il-liċenzjar, jew il-qafas tal-istandards etiċi u dixxiplinarji;

(iii) l-eżamijiet mgħoddija, speċjalment eżamijiet ta' kompetenza professjonali;

(iv) sa fejn huma rikonoxxuti l-kwalifiki minn ġurisdizzjoni waħda fil-ġurisdizzjoni oħra; u

(v) il-kwalifiki li l-awtoritajiet rilevanti f’kull ġurisdizzjoni huma lesti li jirrikonoxxu, pereżempju, billi jelenkaw diplomi jew ċertifikati partikolari maħruġa, jew b’referenza għal rekwiżiti minimi partikolari li għandhom ikunu ċċertifikati mill-awtoritajiet rilevanti tal-ġurisdizzjoni ta’ oriġini, inkluż jekk il-pussess ta’ ċertu livell ta’ kwalifikazzjoni jkunx jippermetti rikonoxximent ta' xi attivitajiet bil-għan ta' prattika iżda mhux oħrajn (il-livell u t-tul tal-edukazzjoni, oqsma edukattivi ewlenin, suġġetti u oqsma globali).

Hemm ekwivalenza globali bejn il-kamp ta’ applikazzjoni tad-drittijiet tal-prattika jew il-kwalifiki tal-professjoni regolata jekk ma hemm ebda differenzi sostanzjali f’dan ir-rigward bejn il-ġurisdizzjonijiet.

It-Tieni Fażi: Evalwazzjoni tad-Differenzi Sostanzjali

Teżisti differenza sostanzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kwalifiki meħtieġa biex tiġi prattikata professjoni regolata, f’każijiet ta’:

(a) differenzi importanti fl-għarfien essenzjali; jew

(b) differenzi sinifikanti fit-tul ta' żmien jew kontenut tat-taħriġ bejn il-ġurisdizzjonijiet.

Teżisti differenza sostanzjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta’ prattika jekk:

(a) attività professjonali waħda jew iktar li ma tiffurmax parti mill-professjoni korrispondenti fil-ġurisdizzjoni ta’ oriġini;

(b) dawn l-attivitajiet huma soġġetti għal taħriġ speċifiku fil-ġurisdizzjoni ospitanti; u,

(c) it-taħriġ għal dawn l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni ospitanti jkopri kwistjonijiet sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-kwalifika tal-applikant.

It-Tielet Fażi: Miżuri Kumpensatorji

Jekk l-entitajiet ta’ negozjar jiddeterminaw li hemm differenza sostanzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tal-prattika jew tal-kwalifiki bejn il-ġurisdizzjonijiet, huma jistgħu jiddeterminaw miżuri kumpensatorji biex jitneħħew il-lakuni.

Miżura kumpensatorja tista’ tieħu l-forma ta', fost affarijiet oħra, perjodu ta’ adattament jew, jekk meħtieġ, test tal-aptitudni.

Il-miżuri kumpensatorji għandhom ikunu proporzjonati għad-differenza sostanzjali li huma jfittxu li jindirizzaw. L-entitajiet ta’ negozjar għandhom jevalwaw ukoll kull esperjenza professjonali prattika miksuba fil-ġurisdizzjoni ta’ oriġini biex jaraw jekk din l-esperjenza tkunx biżżejjed biex tirrimedja, b’mod sħiħ jew parzjali, id-differenza sostanzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tal-prattika jew kwalifiki bejn il-ġurisdizzjonijiet, qabel ma tiġi stabbilita miżura ta’ kumpens.

Ir-Raba' Fażi: Identifikazzjoni tal-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent

Ladarba din il-valutazzjoni tal-ekwivalenza ġenerali tal-kampijiet ta' evalwazzjoni tad-drittijiet tal-prattika jew kwalifiki jew tal-professjoni regolata titlesta, l-entitajiet ta' negozjar għandhom jispeċifikaw fl-MRA:

(a) il-kompetenza legali meħtieġa biex tiġi pprattikata l-professjoni regolata;

(b) il-kwalifiki għall-professjoni regolata;

(c) jekk il-miżuri kumpensatorji humiex neċessarji;

(d) sa fejn l-esperjenza professjonali tista' tikkumpensa għad-differenzi sostanzjali;

(e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura kompensatorja, inkluż l-użu ta' kwalunkwe perjodu ta' adattament jew test tal-aptitudni.

5. Mekkaniżmi għall-Implimentazzjoni

L-MRA għandu jiddikjara:

(a) ir-regoli u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jissorveljaw u jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tal-ftehim;

(b) il-mekkaniżmi għad-djalogu u l-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-partijiet tal-MRA; u

(c) il-mezzi għal applikanti individwali sabiex jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni li tinħoloq mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-MRA.

Bħala gwida għat-trattament ta’ applikanti individwali, l-MRA għandu jinkludi dettalji dwar:

(a) il-punt ta’ kuntatt għal informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-applikazzjoni, pereżempju, l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet rilevanti, formalitajiet ta’ liċenzjar, informazzjoni dwar rekwiżiti addizzjonali li għandhom jiġu sodisfatti fil-ġurisdizzjoni ospitanti;

(b) it-tul ta' żmien tal-proċeduri għall-ipproċessar ta’ applikazzjonijiet mill-awtoritajiet rilevanti fil-ġurisdizzjoni ospitanti;

(c) id-dokumentazzjoni meħtieġa tal-applikanti u l-forma li fiha għandha tiġi ppreżentata;

(d) l-aċċettazzjoni ta’ dokumenti u ċertifikati maħruġa fil-ġurisdizzjoni ospitanti f’dak li għandu x’jaqsam ma’ kwalifiki u liċenzjar;

(e) il-proċeduri ta’ appell jew ta’ rieżami mill-awtoritajiet rilevanti.

L-MRA għandu jinkludi wkoll l-impenji li ġejjin mill-awtoritajiet rilevanti:

(a) talbiet dwar rekwiżiti u proċeduri ta’ liċenzjar u kwalifiki se jkunu trattati minnufih;

(b) ser ikun hemm ħin biżżejjed għall-applikanti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-proċess ta’ applikazzjoni u ta’ kwalunkwe appell jew rieżami mill-awtoritajiet rilevanti;

(c) l-eżamijiet jew it-testijiet se jiġu organizzati bi frekwenza raġonevoli;

(d) il-miżati għal applikanti li jfittxu li jieħdu vantaġġ mit-termini tal-MRA se jkunu proporzjonali mal-kostijiet li jġarrbu fil-ġurisdizzjoni ospitanti; u

(e) l-informazzjoni se tkun mogħtija fuq kwalunkwe programmi ta' assistenza fil-ġurisdizzjoni ospitanti għat-taħriġ prattiku, u kwalunkwe impenn tal-ġurisdizzjoni ospitanti f’dak il-kuntest.

6. Liċenzjar u Dispożizzjonijiet Oħra fil-Ġurisdizzjoni Ospitanti

Jekk applikabbli, l-MRA għandu wkoll jistabbilixxi l-mezzi li permezz tagħhom, u l-kundizzjonijiet li taħthom, tinkiseb liċenzja wara d-determinazzjoni ta' eliġibbiltà, u dak li tinvolvi liċenzja, pereżempju, liċenzja u l-kontenut tagħha, membru ta' korp professjonali, użu ta' titoli professjonali jew akkademiċi. Kwalunkwe rekwiżit ta' liċenzjar minbarra l-kwalifiki għandu jiġi spjegat, inklużi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) l-indirizz ta' uffiċċju, iż-żamma tal-istabbiliment jew li tkun residenti;

(b) ħiliet lingwistiċi;

(c) prova ta' karattru tajjeb;

(d) assigurazzjoni tal-indennizz professjonali;

(e) konformità mar-rekwiżiti tal-ġurisdizzjoni ospitanti għall-użu ta' ismijiet ta' negozji u ditti; u

(f) konformità mal-etika tal-ġurisdizzjoni ospitanti, pereżempju, indipendenza u kondotta tajba.

Biex tiġi żgurata t-trasparenza, l-MRA għandu jinkludi d-dettalji li ġejjin għal kull ġurisdizzjoni ospitanti:

(a) il-liġi rilevanti li għandha tiġi applikata, pereżempju, rigward azzjoni dixxiplinarja, responsabbiltà jew obbligazzjoni finanzjarja;

(b) il-prinċipji ta' dixxiplina u infurzar ta' standards professjonali, inklużi l-ġurisdizzjoni dixxiplinarja u kwalunkwe effett konsegwenzjali fuq l-eżerċitar ta' attivitajiet professjonali;

(c) il-mezzi għall-verifika tal-kompetenza attwali; u

(d) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mar-revoka tar-reġistrazzjoni.

7. Reviżjoni tal-MRA

Jekk l-MRA jinkludi t-termini li taħthom l-MRA jista' jiġi rieżaminat jew revokat, id-dettalji għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar.

8. Trasparenza

Il-Partijiet għandhom:

(a) jagħmlu disponibbli għall-pubbliku t-test tal-MRAs li ġew konklużi; u,

(b) jinnotifikaw lil xulxin bi kwalunkwe modifika għal kwalifiki li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' MRA. Jekk ikun possibbli, Parti għandha tingħata opportunità biex tikkummenta dwar il-modifiki tal-Parti l-oħra.

ANNESS 13-A

-KUMMERĊ TRANSFRUNTIER F'SERVIZZI FINANZJARJI

L-Iskeda tal-Kanada

Servizzi tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni

1. L-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier tal-kummerċ fis-servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) assigurazzjoni ta’ riskji marbuta ma’:

      (i) trasport marittimu, avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr, inklużi satelliti, b’din l-assigurazzjoni li għandha tkopri: il-prodotti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr il-prodotti, jew responsabbiltà li tkun gejja minn dan it-trasport; u

      (ii) prodotti fi tranżitu internazzjonali;

   (b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

   (c) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta’ servizzi tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1; u

(d) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija, ta' riskji tal-assigurazzjoni relatati mas-servizzi elenkati fis-subparagrafi (a) u (b).

Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

2. L-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier tal-kummerċ fis-servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) l-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(b) servizzi ta' konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) tad-definizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f'dak is-subparagrafu.

Servizzi ta' Mmaniġġjar ta' Portafolji

3. L-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier jew għall-kummerċ fis-servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward tal-forniment tas-servizzi li ġejjin għal skema ta' investiment kollettiv li tinsab fit-territorju tagħha:

(a) konsulenza dwar l-investiment; u

(b) servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji, ħlief:

(i) servizzi ta' kustodja;

(ii) servizzi ta' fiduċjarji; jew

(iii) servizzi ta' eżekuzzjoni.

4. Għall-għanijiet ta' dan l-impenn, immaniġġjar tal-portafolji tfisser l-immaniġġjar tal-portafolji skont il-mandati mogħtija mill-klijenti fuq bażi diskrezzjonali ta' klijent bi klijent jekk dawn il-portafolji jinkludu strument finanzjarju jew iktar.

5. Skema ta' investiment kollettiv tfisser fondi ta' investiment jew kumpaniji ta' maniġment ta' fondi regolati jew reġistrati taħt il-liġijiet u r-regolamenti dwar it-titoli rilevanti. Minkejja l-paragrafu 3, il-Kanada tista' tirrikjedi skema ta' investiment kollettiv li tinsab fil-Kanada biex iżżomm ir-responsabbiltà aħħarija għall-ġestjoni tal-sikema ta' investiment kollettiv jew il-fondi li timmaniġġja.

6. Riżervi għal miżuri mhux konformi stabbiliti mill-Kanada fl-Iskeda tagħha għall-Anness III ma japplikawx għal paragrafi 3 sa 5.

Skeda tal-Unjoni Ewropea
(applikabbli għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea sakemm ma jkunx indikat mod ieħor)

Servizzi tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni

1. Bl-eċċezzjoni ta' **CY, EE, LV, LT, MT** and **PL**[1], l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment trans-fruntier tas-servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment trans-fruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) assigurazzjoni ta' riskji marbuta ma':

      (i) trasport marittimu, avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr, inklużi satelliti, b'din l-assigurazzjoni li għandha tkopri: il-prodotti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr il-prodotti, jew responsabbiltà li tkun gejja minn dan it-trasport; u

      (ii) prodotti fi tranżitu internazzjonali;

   (b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

   (c) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta' servizzi tal-assigurazzjoni u relatati- mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1; u

   (d) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija, ta' riskji tal-assigurazzjoni relatati mas-servizzi elenkati fis-subparagrafi (a) u (b).

[1] L-abbrevjazzjonijiet użati f'dan l-Anness huma definiti f'paragrafu 8 tan-Nota tal-bidu għall-Anness I (Riżervi għal Miżuri Eżistenti u Impenji ta' Liberalizzazzjoni).

2. Għal **CY**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma:

      (i) trasport marittimu, avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr, inklużi satelliti, b'din l-assigurazzjoni li għandha tkopri: il-prodotti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr il-prodotti, jew responsabbiltà li tkun gejja minn dan it-trasport; u

      (ii) prodotti fi tranżitu internazzjonali;

   (b) intermedjazzjoni assigurattiva;

   (c) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni; u

   (d) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta' servizzi tal-assigurazzjoni u relatati- mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1;

3. Għal **CY**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni);

   (b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

   (c) intermedjazzjoni assigurattiva; u

   (d) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta' servizzi tal-assigurazzjoni u relatati- mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1;

4. Għal **LV** u **LT**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fissubparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) assigurazzjoni ta’ riskji marbuta ma’:

      (i) trasport marittimu, avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr, inklużi satelliti, b’din l-assigurazzjoni li għandha tkopri: il-prodotti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr il-prodotti, jew responsabbiltà li tkun gejja minn dan it-trasport; u

      (ii) prodotti fi tranżitu internazzjonali;

   (b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni; u

   (c) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta’ servizzi tal-assigurazzjoni u relatati- mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1;

5. Għal **CY**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

   (a) assigurazzjoni ta’ riskji marbuta ma’:

      (i) trasport marittimu, avjazzjoni kummerċjali u varar fl-ispazju u ġarr, inklużi satelliti, b’din l-assigurazzjoni li għandha tkopri: il-prodotti li jkunu qed jigu trasportati, il-vettura li ġġorr il-prodotti, jew responsabbiltà li tkun gejja minn dan it-trasport; u

      (ii) prodotti fi tranżitu internazzjonali;

   (b) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni; u

(c) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif deskritt fis-subparagrafu (iv) tad-definizzjoni ta' servizzi tal-assigurazzjoni u relatati- mal-assigurazzjoni fl-Artikolu 13.1;

6. Għal **PL**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) assigurazzjoni ta' riskji relatati mal-prodotti f'kummerċ internazzjonali; u

(b) riassigurazzjoni u retroċessjoni ta' riskji relatati mal-prodotti f'kummerċ internazzjonali.

Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni)

7. Bl-eċċezzjoni ta' **BE, CY, EE**, **LV, LT**, **MT, SI** u **RO**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier tas-servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) l-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(b) servizzi ta' konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f'dak is-subsubparagrafu.

8. Għal **BE**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) l-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1.

9. Għal **CY**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

    (a) in-negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, sew jekk fuq skambju, f'suq finanzjarju barra l-borża, u sew jekk le, ta' titoli trasferibbli:

    (b) l-għoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

    (c) servizzi ta' konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f'dak is-subparagrafu.

10. Għal **EE** u **LT**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

    (a) aċċettazzjoni ta' depożiti;

    (b) self ta' kull tip;

    (c) lokazzjoni finanzjarja;

    (d) is-servizzi ta' ħlas u ta' trażmissjoni tal-flus kollha;

    (e) garanziji u impenji;

    (f) negozjar għan-nom proprju jew f'isem il-klijenti, kemm jekk fuq skambju jew f'suq finanzjarju barra l-borża;

(g) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta’ kull tip ta’ titoli, inklużi sottoskrittura u kollokament bħala aġent sew jekk pubblikament sew jekk privatament, u l-forniment ta’ servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(h) senserija ta' flus;

(i) amministrazzjoni ta' assi, bħal amministrazzjoni ta' flus kontanti u ta' portfoll, kull forma ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(j) servizzi ta’ saldu u likwidazzjoni għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti oħra negozjabbli;

(k) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(l) servizzi ta’ konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f’dak is-subparagrafu.

11. Għal **LV**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta’ kull tip ta’ titoli, inklużi sottoskrittura u kollokament bħala aġent sew jekk pubblikament sew jekk privatament, u l-forniment ta’ servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(b) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(c) servizzi ta’ konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f’dak is-subparagrafu.

12. Għal **CY**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) aċċettazzjoni ta' depożiti;

(b) self ta' kull tip;

(c) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(d) servizzi ta’ konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f’dak is-subparagrafu.

13. Għal **RO**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) aċċettazzjoni ta' depożiti;

(b) self ta' kull tip;

(c) garanziji u impenji;

(d) senserija ta' flus;

(e) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(f) servizzi ta’ konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f’dak is-subsubparagrafu.

14. Għal **SI**, l-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta:

(a) self ta' kull tip;

(b) l-aċċettazzjoni ta’ garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta’ kreditu barranin minn entitajiet legali domestiċi u kummerċjanti waħdiena;

(c) l-għoti u t-trasferiment ta’ informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta’ dejta finanzjarja u softwer relatat, kif deskritt fis-subparagrafu (xi) tad-definizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1; u

(d) servizzi ta’ konsulenza, u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritt fis-subparagrafu (xii) taddefinizzjoni ta’ servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni) fl-Artikolu 13.1, iżda eskluża l-intermedjazzjoni kif deskritt f’dak is-subsubparagrafu.

Servizzi ta' Mmaniġġjar ta' Portafolji

15. L-Artikolu 13.7.1 japplika għall-forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji, kif definit fis-subparagrafu (a) tad-definizzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji fl-Artikolu 13.1, fir-rigward ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji lil klijent professjoanli tal-Unjoni Ewropea li jinsab fl-Unjoni Ewropea, minn istituzzjoni finanzjarja Kanadiża organizzata fil-Kanada wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal aktar ċertezza, dan l-impenn huwa suġġett għal reġim regolatorju prudenzjali tal-Unjoni Ewropea inkluża l-valutazzjoni ta' ekwivalenza[1];

16. Għall-finijiet ta' dan l-impenn:

    (a) l-immaniġġjar tal-portafolji tfisser l-immaniġġjar tal-portafolji skont il-mandati mogħtija mill-klijenti fuq bażi diskrezzjonali ta' klijent bi klijent, fejn dawn il-portafolji jinkludu strument finanzjarju jew iktar;

    (b) servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji ma jinkludux:

        (i) servizzi ta' kustodja;

        (ii) servizzi ta' fiduċjarji; jew

        (ii) servizzi ta' eżekuzzjoni; u

    (c) fl-Unjoni Ewropea klijenti professjonali huma dawk definiti taħt il-punt 1, ittra (e) tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fi strumenti finanzjarji.

[1] Dan ifisser li ladarba l-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni dwar l-ekwivalenza relatata mal-immaniġġjar tal-portfolji u istituzzjoni finanzjarja Kanadiża tkun issodisfat rekwiżiti prudenzjali oħra tal-Unjoni Ewropea, din l-istituzzjoni finanzjarja tista' tipprovdi servizzi ta' mmaniġġjar tal-portafolji diskrezzjonarji lil klijent professjonali tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma tkun stabbilita fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-miżuri tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-immaniġġjar tal-portafolji transfruntier inklużi r-riżervi fl-Iskedi tal-Annessi I u II ma għandhomx jibqgħu japplikaw għal dan l-impenn.

ANNESS 13-B

FEHIM DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 13.16.1 U 13.21

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-miżuri prudenzjali jsaħħu s-sistemi finanzjarji domestiċi, jinkoraġġixxu istituzzjonijiet, swieq u infrastruttura sodi, effiċjenti u robusti, u jippromwovu l-istabbiltà finanzjarja internazzjonali billi jiffaċilitaw deċiżjonijiet ta' self u ta' investiment aktar informati, itejbu l-integrità tas-suq u jnaqqsu r-riskji ta' diffikultà u kontaġju finanzjarji.

Bħala riżultat, il-Partijiet ftiehmu fuq konċessjoni prudenzjali fl-Artikolu 13.16.1 li tippermetti lill-Partijiet jadottaw jew iżommu miżuri għal raġunijiet prudenzjali, u taw rwol għall-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(f), sabiex jiġi determinat jekk, u jekk iva, sa liema punt tapplika l-konċessjoni prudenzjali f'tilwim dwar l-investiment fis-servizzi finanzjarji skont l-Artikolu 13. 21.

Il-proċess relatat mal-Artikolu 13.21

1. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, fir-rwol tiegħu f'tilwim dwar l-investiment skont l-Artikolu 13.21, jiddeċiedi jekk u, jekk iva, sa liema punt il-konċessjoni prudenzjali hija valida għal talba.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jaġixxu in *bona fede*. Kull Parti tippreżenta l-pożizzjoni tagħha lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji fi żmien 60 jum mir-riferiment lill-Kumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji.

3. Jekk il-Parti mhux litiganti tinnotifika lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji fi żmien il-perjodu ta' 60 jum fil-paragrafu 2 li hija tkun nediet proċess ta' determinazzjoni interna dwar din il-kwistjoni, il-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm dik il-Parti tinnotifika lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji dwar il-pożizzjoni tagħha. Sospensjoni ta' aktar minn sitt xhur hija meqjusa bħala ksur tal-impriża ta' *bona fede*.

4. Jekk il-konvenut ma jipprovdix il-pożizzjoni tiegħu lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2, is-sospensjoni tal-perjodi ta' ħin jew proċedimenti msemmija fl-Artikolu 13.21.3 ma tibqax tapplika u l-investitur jista' jipproċedi bit-talba tiegħu.

5. Jekk il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji ma jistax jadotta deċiżjoni dwar determinazzjoni konġunta fi żmien 60 jum fir-rigward ta' tilwim speċifiku bejn l-investitur u l-Istat dwar miżura ta' prudenza, il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt tas-CETA[1]. Dan il-perjodu ta' 60 jum jibda mill-mument li l-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jirċievi l-pożizzjonijiet tal-Partijiet skont il-paragrafu 2.

6. Id-determinazzjoni konġunta tal-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jew tal-Kumitat Konġunt tas-CETA hija vinkolanti fuq it-Tribunal fit-tilwim inkwistjoni biss. Determinazzjoni konġunta ma jikkostitwixxux preċedent vinkolanti għall-Partijiet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-applikazzjoni ta' konċessjoni prudenzjali jew termini oħra ta' dan il-Ftehim.

7. Sakemm il-Kumitat Konġunt tas-CETA jiddeċiedi mod ieħor, jekk il-Kumitat Konġunt tas-CETA ma jilħaqx ftehim fi żmien tliet xhur mir-riferiment tal-kwistjoni mill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji skont il-paragrafu 5, kull Parti tagħmel il-pożizzjoni tagħha disponibbli għat-Tribunal li jarbitra l-kawża in kwistjoni. It-Tribunal iqis dan ir-rekord fit-teħid ta' deċiżjoni.

Prinċipji ta' livell għoli

8. Il-Partijiet jaqblu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 13.16.1 mill-Partijiet u mit-tribunali għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ġejjin, li mhumiex eżawrjenti:

   (a) Parti tista' tiddetermina l-livell xieraq tagħha stess ta' regolamentazzjoni prudenzjali. B'mod speċifiku, Parti tista' tistabbilixxi u tinforza miżuri li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni prudenzjali minn dawk stabbiliti f'impenji prudenzjali internazzjonali komuni;

   (b) kunsiderazzjonijiet rilevanti fid-determinazzjoni ta' jekk miżura tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13.16.1 inkluż il-punt sa liema miżura tista' tkun meħtieġa minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u l-informazzjoni disponibbli għall-Parti fiż-żmien meta l-miżura ġiet adottata;

[1] Kull Parti tiżgura li r-rappreżentanza tagħha fil-Kummissjoni Konġunta tas-CETA għal dan l-għan tinkludi l-awtoritajiet tas-servizzi finanzjarji.

(c) minħabba n-natura ferm speċjalizzata tar-regolamentazzjoni prudenzjali, dawk li japplikaw dawn il-prinċipji jiddifferixxu sal-ogħla grad possibbli għar-regolamenti and prattiki fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi u għad-deċiżjonijiet u determinazzjonijiet fattwali, fosthom il-valutazzjonijiet tar-riskju, magħmula minn awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) (i) ħlief kif stipulat fis-subparagrafu (ii), miżura hija meqjusa li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 13.16.1 jekk:

(A) għandha għan prudenzjali; u

(B) mhijiex daqshekk severa fid-dawl tal-għan tagħha li huwa manifestament sproporzjonat mal-kisba tal-għan tagħha; u

(ii) miżura li b'mod ieħor tilħaq il-ħtiġijiet tas-subparagrafu (i) ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13.16.1 jekk hija restrizzjoni moħbija fuq l-investiment barrani jew ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn l-investituri f'sitwazzjonijiet bħal dawn;

(e) sakemm miżura ma tiġix applikata b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn l-investituri f'sitwazzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-investiment barrani, il-miżura titqies li tilħaq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13.16.1 jekk hija:

(i) f'konformità ma' impenji prudenzjali internazzjonali li huma komuni għall-Partijiet;

(ii) skont ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja li ma tibqax vijabbli jew x'aktarx ma tibqax aktar vijabbli;

(iii) skont l-irkupru ta' istituzzjoni finanzjarja jew il-ġestjoni ta' istituzzjoni finanzjarja taħt pressjoni; jew

(iv) skont il-preservazzjoni tar-ritorn għall-istabbiltà finanzjarja, b'risposta għal kriżi finanzjarja mifruxa mas-sistema kollha.

Rieżami Perjodiku

9. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jista', bil-kunsens taż-żewġ Partijiet, jemenda dan il-Fehim fi kwalunkwe ħin. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għandu jirrieżamina dan il-Fehim mill-inqas kull sentejn.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jista' jiżviluppa fehim komuni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 13.16.1, abbażi tad-djalogu u d-diskussjonijiet li saru fil-Kumitat f'dak li għandu x'jaqsam ma' tilwim speċifiku u konxju ta' impenji prudenzjali internazzjonali li huma komuni għall-Partijiet.

ANNESS 13-C

FEHIM DWAR ID-DJALOGU
TAR-REGOLAMENT TAS-SETTUR TAS-SERVIZZI FINANZJARJI

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għat-tisħiħ tal-istabilità finanzjarja. Id-djalogu dwar ir-regolament tas-settur tas-servizzi finanzjarji fi ħdan il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji u l-istandards prudenzjali miftiehmin fil-livell multilaterali. Il-Partijiet jimpenjaw li jiffokaw fuq id-diskussjoni dwar kwistjonijiet b'impatt transfruntier, bħall-kummerċ transfruntier fit-titoli (inkluża l-possibbiltà li jittieħdu iktar impenji dwar l-immnaniġġjar tal-portafolji), l-oqfsa rispettivi għal bonds koperti u għal rekwiżiti kollaterali fir-riassigurazzjoni, u li jiddiskutu kwastjonijiet relatati mal-operat ta' fergħat.